

# "Il-fidi tigi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu"

**(Rum 10,17)**

*Sussidju għall-Avvent*
*Djoċesi ta' Għawdex (2007)*

# 1. THABBIRA TA' L-AVVENT

## Ċelebrazzjoni fil-bidu ta' l-Avvent Imqaddes

***Nota****: Tkun ħaġa xierqa li fil-bidu ta' l-Avvent - is-Sibt filgħaxija jew il-Ħadd waqt quddiesa li fiha l-aktar li tipparteċipa l-komunità - ssir id-daħla u sejħa biex ngħixu mill-aħjar li nistgħu dan iż-żmien qaddis ta' l-Avvent. Il-Knisja tippreżentalna lil Marija bħala l-Mara li tisma', timmedita, u tgħix il-Kelma t'Alla. Għalhekk dan iż-żmien hu żmien ta' meditazzjoni u riflessjoni fuq il-Kelma t'Alla. Għalhekk iċ-ċentru ta' dan iż-żmien hu l-Iskrittura Mqaddsa.*

**Skema:**

1. Waqt il-kant tal-bidu (kant adattat għal dan iż-żmien marbut mal-Kelma) fil-purċissjoni lejn l-artal l-ewwel jitla' ċ-ċensier, warajh żewġ akkolti, mbagħad jitilgħu għaxar persuni li ħamsa jkollhom f'idejhom xemgħa tixgħel u ħamsa oħra jkollhom xemgħa mitfija. (Jistgħu jintużaw 10 imsiebaħ). Wara, mbagħad, is-saċerdot jew lettur jitla' bil-Bibbja mgħollija 'l fuq u warajh iċ-ċelebrant. X'ħin jaslu fuq il-presbiterju l-Bibbja titpoġġa fuq l-ambone filwaqt li x-xemgħa titqiegħed f'post apposta ħdejn l-ambone. Tkun ħaġa xierqa li għal din l-okkażjoni l-ambone - il-post tal-Kelma - ikun imżejjen bil-fjuri, biex jidher li l-Kelma t'Alla hija ħajja.

2. Is-saċerdot wara li jinċensa l-altar jinċensa wkoll il-Bibbja u jibda l-quddiesa bħas-soltu, filwaqt li jgħid:

   *Għeżież, biċ-ċelebrazzjoni ta' din l-Ewkaristija qegħdin niftħu s-sena l-ġdida tal-Knisja. Aħna mistednin sabiex nishru u nistennew il-Mulej ġej. Infatti, permezz ta' l-Ewkaristija l-Knisja tpoġġi f'fomm il-membri tagħha l-kliem mill-Apokalissi : "Ejja, Mulej Ġesù".*

3. Wara jsir l-att penitenzjali u ssir l-kolletta. Wara li tingħad il-kolletta l-lettur imur fuq l-ambone, jieħu l-Bibbja u jippreżentaha liċ-ċelebrant, filwaqt li ċċelebrant juriha lill-ġemgħa filwaqt li jgħid:

   *Għeżież, kif jikkonferma l-Konċilju: "il-Knisja dejjem qiemet l-Iskrittura Mqaddsa kif dejjem għamlet għall-Ġisem ta' Kristu, qatt ma naqset li titmantna, speċjalment fil-Liturgija Mqaddsa, mill-ħobż tal-ħajja kemm mill-mejda tal-Kelma t'Alla kif ukoll mill-Ġisem ta' Kristu.*

   *Fil-bidu ta' din is-sena tal-Knisja ejjew nilqgħu dan il-Ktieb tal-ħajja b'ħeġġa u entużjażmu. Jalla din l-okkażjoni tkun għalina mument biex tkompli tikber fina l-imħabba għall-Kelma t'Alla, musbieħ jixgħel għal riġlejna u dawl fil-mixja tagħna lejn is-sema pajjiżna.*

   Wara din l-eżortazzjoni miċ-ċelebrant il-lettur imur fuq l-ambone biex jipproklama l-Kelma, u hekk tingħata bidu għal-Liturġija tal-Kelma.

## 2. MARIJA IKONA TA' L-AVVENT U TAL-MAGĦMUDIJA

Li kieku kellna nagħmlu tpinġija ta' dan is-suġġett, kieku forsi konna naħsbu fi kwadru maqsum fi 3 partijiet; il-bicca tan-nofs u ż-żewġt iġnub. Fil-parti tan-nofs kont inpoġġi l-misteru fundamentali tal-Maternità ta' Marija. Fil-ġnub, fuq naħa l-maternità ta' Marija u l-popli tad-dinja – speċjalment dawk il-popli li għadhom ma għarfux jew ma laqgħux lil Kristu. Fl-aħħar parti l-maternità ta' Marija u l-ħajja tal-Knisja, b'mod speċjali l-Magħmudija. Marija tikkopera ma' dan il-qawmien spiritwali li hu l-Magħmudija. B'dan it-titlu, "Marija Ikona ta' l-Avvent u l-Magħmudija", aħna mistednin biex nikkontemplaw il-missjoni tal-Verġni Marija matul iż-żmien u fl-esperjenza tal-ħajja nisranija ta' kull wieħed u waħda minna.

Meta l-Iben t'Alla ġie fid-dinja biex jifdina, Marija ħadet impenn lejn l-umanità u lejn kull mgħammed. Marija għad għandha l-istess missjoni: dik li tħejji l-qlub għall-miġja ta' Ġesù, li tippreżentah lill-umanità, u l-impenn li tħejji lil kull wieħed minna għall-miġja tal-Mulej fil-Magħmudija u matul il-mixja tal-ħajja nisranija. Ejjew nirriflettu ftit fuq dawn it-tliet affermazzjonijiet:

a. Marija u l-ewwel Avvent
b. Marija u t-tieni Avvent
ċ. Marija u l-Magħmudija

### 2.1. Marija u l-ewwel Avvent

Hawn Marija għandha ħidma u post importanti. F'Marija twettqet l-istennija li kien hemm sa mill-ibghad żminijiet, u wara b'mod partikolari mill-poplu ta' Iżrael. F'Marija nsibu mwettqa t-tixbihat li jimlew it-Testment l-Antik. Nistgħu ngħidu li f'dak il-lejl tal-miġja ta' Kristu, Marija twettaq dik l-istennija ta' matul is-sekli ta' qabel. Għalhekk, hi tista' tfaħħar isem il-Mulej u tagħraf li permezz tagħha u biha l-Mulej wera l-qawwa ta' driegħu: "*ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu, għax ftakar fil-ħniena tiegħu, bħalma wiegħed lil missirijietna, b'risq Abraham u nislu għal dejjem*" (Lq 1,54-55).

Alla ried iħejji lil Iżrael. Ir-rieda t'Alla kienet illi l-poplu l-magħżul, li kien qiegħed jgħix ħajja 'l bogħod mill-pjan t'Alla, ikun imħejji spiritwalment, ikun disponibbli li jgħix ħajja li taqbel mal-Kelma t'Alla u mar-rieda t'Alla… biex hekk tinbena *dwejra* li jixirqilha li tilqa' fiha lis-Salvatur… li tgħix l-aħħar ġrajjiet tal-fidwa u tieħu d-don ta' l-Ispirtu S-Santu, meta dan iż-żmien kellu jasal. Dan kollu seħħ f'Marija. Matul l-Antik Testment inħadmet din il-mixja twila ta' tħejjija, li wasslet lil Iżrael għall-fidi vera f'Alla wieħed. Biżżejjed niftakru fl-istqarrija ta' fidi ta' Iżrael: "*Isma', O Iżrael: Alla tagħna hu l-Mulej, il-Mulej waħdu. Ħobb, mela, lill-Mulej Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha*" (Dewt 6,4-5).

Il-pjan t'Alla kien wieħed li jmur lil hinn mill-poplu ta' Iżrael: kien pjan divin li jħaddan lill-univers kollu. Niftakru fit-tħabbira tal-profeti: "*Qum! Ħa jiddi wiccek! Id-dawl tiegħek wasal! Jiddi fuqek sebħ il-Mulej!... Il-ġnus għad jimxu fid-dawl tiegħek, u s-slaten fid-dija ta' sbiħek. Għolli u dawwar għajnejk madwarek u ara: lkoll miġbura ġejjin għandek, uliedek ġejjin mill-bogħod, u bnietek iġorruhom fuq id-dirgħajn*" (Is 60,1,3-4).

Din l-opra ta’ formazzjoni, li kienet indirizzata biex tfiehem li Alla hu wieħed u għandu jiġi maħbub fuq kollox, serviet biex id-dinja tagħraf il-pjan t’Alla. F’Marija nistgħu naraw ir-riżultat tat-tħejjija li kien għamel Alla. F’Marija hemm il-milja tal-pjan t’Alla. “*Kull wied jimtela, kull muntanja u għolja titniżżel*”, kien ħabbar Isaija (40,4). Meta naslu f’Marija nistgħu ngħidu illi kull wied imtela, kull għolja tniżżlet – hija hi t-triq li fuqha l-Mulej juri ruħu lill-umanità u jġib l-aħbar ta’ ferħ tas-salvazzjoni:

*“Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji*
*r-riglejn ta’ min iħabbar il-bxara,*
*ta’ min ixandar is-sliem,*
*ta’ min iħabbar ir-risq*
*ta’ min ixandar is-salvazzjoni”* (Is 52,7).

Grazzi għal din bint Sijon, l-aħbar tal-profeti sseħħ, il-wegħda magħmula lil Iżrael ssir realtà:

*“bħalma wiegħed lil missirijietna,*
*b’risq Abraham u nislu għal dejjem”* (Lq 1,55)

F’Marija sseħħ il-milja taż-żminijiet: *“Iżda meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, mwieled minn mara, mwieled taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta’ wlied”* (Gal 4,4-5). Wieħed jista’ jinnota li f’dan it-test it-twellid ta’ l-Iben t’Alla minn mara huwa marbut mat-twelid tagħna bħala wlied adottivi: fil-mill-milja taż-żminijiet l-Iben t’Alla jitwieled minn mara biex inkunu mifdija u meħlusa, u hekk insiru wlied adottivi t’Alla: *“mwieled taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta’ wlied”.*

Naraw kif il-misteru ta’ Marija mhux biss hu marabut mal-misteru tal-miġja tas-Salvatur fid-dinja, imma wkoll mal-misteru tal-ħelsien tagħna u mat-twelid tagħna ta’ wlied bil-magħmudija. *“Ulied fl-Iben,”* kien iħobb jgħid Sant’Wistin. Meta l-Iben t’Alla sar bniedem permezz ta’ Marija, f’Marija seħħ avveniment deċiziv u uniku. L-ebda ġrajja fl-istorja ma tista’ qatt tiżboq lil dan l-avveniment importanti. L-ebda evoluzzjoni, l-ebda proġett xjentifiku, l-ebda invenzjoni, l-ebda rivoluzzjoni, kbar kemm huma kbar għall-umanità, ma jistgħu qatt jiġu mqabbla mal-ġrajja tal-miġja t’Alla fid-dinja. San Ġwann igħid: “*Il-Verb sar bniedem u għammar fostna*” (Ġw 1,14).

Vers wieħed esprimi din il-ġrajja fundamentali, ġrajja unika u deċiżiva ta’ l-istorja tad-dinja, ġrajja li tibdel il-kwalità tal-bniedem fuq l-art, ġrajja li għamlitha possibili li l-bniedem jieħu sehem fl-istess ħajja t’Alla – il-ħajja ta’ l-Iben waħdieni t’Alla:

*“imma lil dawk li laqgħuh*
*tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla,*
*dawk li jemmnu f’ismu,*
*li twieldu mhux bid-demm,*
*anqas mill-ġibda tal-ġisem,*
*u anqas mir-rieda tal-bniedem,*
*iżda minn Alla”* (Gw 1,12-13).

Fiċ-ċentru ta’ din il-ġrajja nsibu l-misteru ta’ Marija. Hi l-ewwel li gawdiet minn din il-ġrajja, u grazzi għal Marija din il-ġrajja seħħet u hekk aħna lkoll nistgħu ngawdu minnha. Din hija r-raġuni għaliex għandna nqimu lil Marija – hi għandha l-inkarigu uniku u rrepetibbli fis-salvazzjoni ta’ l-umanità. Il-qima lejn Marija tibda mill-fatt storikament ippruvat, uniku, li din il-mara ġiet imsejħa biex tkun Omm ta’ l-Iben il-Waħdieni t’Alla magħmul Bniedem. Din hi r-raġuni għalfejn, sa mill-ewwel sekli, Marija kienet u għadha sal-lum mogħtija qima.

Fil-Kredu Apostoliku ngħidu, "Twieled minn Marija verġni". U nsibu wkoll: "Inkarna u sar bniedem fil-ġuf ta' Marija Verġni" fis-Simbolu Nicenu–Kostantinopolitan. Marija għandha missjoni lejn kull membru tal-Ġisem ta' Kristu bħalma kellha lejn Kristu nnifsu u lejn il-misteru tas-salvazzjoni, biex isir realtà. Hekk Marija għandha missjoni importanti fit-twelid ta' wlied ġodda t'Alla fil-Magħmudija tal-Knisja. Marija hija Omm il-Knisja u ommna lkoll. Imma biex nilqgħu tajjeb dan il-misteru tal-maternità ta' Marija hemm bżonn li nirreferu għall-maternità universali ta' Marija: Marija Omm il-popli. Hekk nistgħu nilqgħu l-kobor tal-maternità ta' Marija lejn kull mgħammed, lejn kull bniedem li jitwieled "*mill-ilma u l-Ispirtu*" (Ġw 3,5), u fil-mixja batteżimali u spiritwali ta' kull mgħammed.

## 2.2. Marija u t-Tieni Avvent

Kristu diġà ġie fid-dinja lejn tmiem l-istennija ta' Iżrael u Ġesù ġie mogħti lid-dinja minn Marija; jibqa' imma l-fatt li għad irid jerġa' jiġi: "Għad jerġa jiġi fil-glorja, biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u l-mejtin u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem," ngħidu fil-Kredu. Il-fidwa diġà saret, madankollu għad trid tilħaq lid-dinja kollha u lil kull bniedem fis-sebħ kollu tagħha. Bil-miġja ta' Kristu Salvatur ġiet imwettqa l-istennija ta' Iżrael: illum fil-Knisja u fl-umanità kollha hemm l-istess stennija: "*Maranathà: ejja, Mulej*" (1 Kor 16,22) hija l-għajta li tidwi fil-komunità nisranija mill-bidu tal-Knisja sal-lum. Nistghu ngħidu li fil-Knisja hemm Avvent kontinwu. Kristu jibqa' jiġi fil-Knisja u f'kull wieħed minna bla ma jehda, sakemm isseħħ l-istorja, sa l-aħħar. Marija tkompli "timxi fid-dinja", biex tibqa dejjem hi li tħejji għall-miġja ta' Ġesù. Kif dan hu veru qabel xejn għall-umanità kollha, u speċjalment għall-popli li għadhom m'humiex Kristjani, hu veru wkoll għall-ħajja batteżimali tagħna lkoll. Nistgħu nieqfu fuq din il-missjoni ta' Marija, l-ewwel ma' l-umanità u l-popli li m'humiex insara, u t-tieni l-missjoni lejn kull mgħammed.

### 2.2.1. Il-missjoni ta' Marija lejn il-popli

Nafu li Ġesù "għadu ma ġiex" għal parti kbira mill-umanità; ġie f'xi popli, imma mhux f'kollha: għadu mhux magħruf minn kulħadd. Hemm inħawi fid-dinja li għalihom Ġesù qatt ma twieled. Il-Ġisem Mistiku ta' Kristu għadu ma laħaqx il-milja tiegħu, kif jgħid San Pawl: "*il-pagani huma msejħa biex ikollhom sehem mill-istess ġisem*" (Ef 3,6) ... "*Jien issa nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, għaliex bihom jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tabtijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja*" (Kol 1,24).

Din il-milja għadha ma seħħitx. Li tagħraf il-missjoni unika li kellha Marija fil-miġja tar-Redentur fid-dinja jimplika wkoll li taghraf il-missjoni unika u speċjali li hi għandha fit-tħejjija tal-popli, speċjalment il-popli li għadhom jistennew lir-Redentur u li għadhom fl-Avvent – jistennew il-miġja ta' Kristu.

Il-misteru ta' Marija Verġni hu li hi tkun preżenti fejn għad m'hemmx Kristu, jew fejn Kristu għadu mhux milqugħ. Hi trid tkun preżenti f'dan iż-żmien ta' l-Avvent. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-istorja tas-salvazzjoni, Marija kienet f'Iżrael qabel Ġesù. Marija kienet diġà hemm f'dak iż-żmien ta' qabel ma inkarna l-Etern fid-dinja. Jingħata perjodu ta' żmien – Avvent - li fih Marija tkun preżenti qabel ma Ġesù juri lilu

nnifsu lill-umanità. Il-preżenza ta' Marija tkun waħda attiva, li tħejji, sabiex dak il-misteru mistenni jinkixef u jseħħ fil-milja kollha tiegħu fid-dinja.

Is-saltna t'Alla tkun diġà fil-ħidma tagħha qabel ma Ġesù juri lilu nnifsu fil-beraħ, għaliex il-preżenza ta' Marija qabel l-inkarnazzjoni hija sinjal tas-saltna t'Alla. Marija hi l-ikona ta' l-umanità salvata minn Kristu qabel ma Kristu stess jidher u storikament isalva lid-dinja.

Mhux biss nistgħu ngħidu li Marija – l-ewwel mifdija, hija fl-istess ħin l-ewwel membru tal-Knisja: Marija hija l-Knisja qabel ma twaqqfet il-Knisja.

Marija hi preżenti fiż-żmien spiritwali mit-Tlugħ is-sema sa Pentekoste. F'dak l-intervall misterjuż, spiritwuali m'hemmx aktar il-preżenza viżibbli ta' Kristu, issa gglorifikat li tela' s-sema għand il-Missier, imma hemm Marija u billi hi qegħda hemm, hemm diġà l-Knisja, qabel ma bdiet uffiċjalment il-missjoni tagħha nhar PenteKoste. Il-preżenza ta' Marija hi l-preżenza tal-Knisja u hi l-garanzija li l-wegħda tad-don ta' l-Ispirtu S-Santu ser isseħħ.

Dawn iż-żewġ ġrajjiet: il-preżenza ta' Marija (i) qabel l-Inkarnazzjoni u (ii) qabel it-twelid tal-Knisja nhar Pentekoste huma mportanti, għaliex juruna x'inhi l-missjoni tal-Verġni Santissima għall-umanità u għall-popli li għadhom ma jemmnux fi Kristu. Kristu mhux preżenti fosthom (irridu ngħidu b'mod li jidher) u lanqas il-Knisja ma hi preżenti, imma nistgħu ngħidu li l-preżenza ta' Marija hi hemm. Qabel ma l-popli pagani jikkonvertu, qabel ma l-Knisja tkun preżenti f'nofshom, hemm insibu l-preżenza mistika ta' Marija li tħejji għall-miġja ta' Kristu. F'waħda mill-Kitbiet ta' Charles Péguy, insibu li f'ċertu perjodu ta' ħajtu hu ma setax jgħid il-"Missierna", imma seta' jgħid l-"Ave Marija". Ħafna midinbin ma jistgħux jgħidu l-Missierna għaliex ma jkunux fil-grazzja: *"tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u l-verità'. Għax il-Missier ukoll, nies bħal dawn ifittex li jadurawh"* (Ġw 4,23): nistgħu imma nitolbu l-Ave Marija, għaliex fejn m'hemmx Ġesù u l-grazzja (almenu b'mod sħiħ), żgur li hemm il-preżenza sigrieta ta' Marija.

Dan jispjega dik il-ħbiberija misterjuża u straordinarja bejn il-midinbin u Marija, ħbiberija li tinħass ħafna mill-midneb. Huma spiss jitolbu lil Marija meta ma jirnexxilhomx jitolbu 'l Alla jew imorru l-Knisja. Niftakar persuni li għal żmien twil kienu 'l bogħod minn Alla u mill-Knisja, 'il bogħod mill-grazzja u mill-fidi, imma li fdaw f'Marija. Din il-fiduċja f'Marija kienet il-punt tal-konverżjoni tagħhom: hi tidħol u tħejji l-laqgħa ma' Alla Salvatur, mal-Knisja u mas-Sagramenti.

Fil-popli li huma 'l bogħod mill-vera fidi, li huma 'l bogħod mill-Vanġelu, fejn Gesù u l-Knisja m'humiex magħrufin, hemm insibu lil Marija. Hemm protezzjoni misterjuża u tħejjija marjana li tħaddan il-popli li għadhom ma għarfux lil Kristu. Nistgħu nitolbu għalihom, nagħrfu li Marija hi kanal ta' grazzja. Nafu li fejn il-grazzja t'Alla "ma tistax" tasal, l-interċessjoni ta' Marija ssir grazzja, issir Avvent: grazzja li tħejji sakemm il-Mulej juri ruħu.

It-teoloġija tagħmel għażla: hemm il-grazzja santifikanti u hemm ukoll grazzji għal dawk li għadhom m'humiex fl-istat tal-grazzja: huma grazzji li jħejju għall-milja tal-grazzja, u għal dan ma naslu qatt weħidna. Il-missjoni ta' Marija taħdem fuq dan il-pjan. Marija tkun preżenti u tħejji għall-grazzja, sabiex din il-grazzja taħdem fil-bniedem fil-milja tagħha.

Ejjew naħsbu fuq il-kontinenti kbar ta' l-umanità, fiċ-Ċina, fir-Russja, fl-Indja, fil-popli Għarab. Popolazzjoni immensa li r-relazzjoni tagħha ma Kristu tixbaħ lil dik li kien hemm bejn il-Lhud u Kristu qabel il-miġja tiegħu, jew bħal dik ta' l-Appostli qabel ma niżel fuqhom l-Ispirtu S-Santu. Dawn qegħdin fl-Avvent. Fl-Islam insibu rispett lejn Marija; fir-Russja nsibu devozzjoni lejn Marija; fiċ-Ċina hemm il-kultura ta' rispett lejn l-Omm; u fl-Indja hemm ir-rispett lejn il-Verġinità. Min jaf jekk dan kollu huwiex xhieda ta' preżenza ta' Marija fl-umanità! U min jaf jekk humiex dawn is-sinjali li minnhom Marija xi darba għad treġġa' lura dawn il-popli lejn Kristu!

Marija tokkupa post importanti fid-dinja u għandha missjoni ewlenija: dik li turina lil Kristu.

### 2.2.2. Il-missjoni ta' Marija lejn kull mgħammed

Dak li jgħodd għall-popolazzjoni tad-dinja jgħodd għalina wkoll. Il-Knisja hi kontinwament fl-Avvent – għaliex qed tistenna l-milja tagħha li għad m'għandhiex. Kristu ġie, imma l-miġja sħiħa għadha ma seħħitx. Kristu hu preżenti, imma din il-preżenza hi moħbija. Nistgħu nħossu din il-preżenza bid-dawl tal-fidi. Xi darba kollox għad ikun ċar; sa dan it-tant il-Knisja tgħix fi żmien li jiġi qabel il-vera Knisja, Ġerusalemm tas-sema: il-Knisja tagħna hi tħejjija għal din il-Knisja.

## 2.3. Marija u l-Magħmudija Kristjana

Aħna ngħixu l-misteru ta' **Avvent kontinwu**, il-miġja kontinwa ta' Kristu fina sakemm nilħqu l-Bniedem il-ġdid, "*Imwieled mill-ilma u mill-Ispirtu*" (Ġw 3,5). Aħna qed ngħixu f'din il-mixja u għalhekk f'din l-istennija li Kristu jimla dejjem iżjed l-eżiżtenza tagħna u li jibdilna. Sa mill-ewwel mumenti, hi dejjem Marija li tħejjina għall-miġja ta' Ġesù, kontinwament tifforma 'l Ġesu' fina li aħna mgħammdin. Il-magħmudija hi l-misteru tat-twelid ta' Ġesù fina. Il-ħajja spiritwali mhix għajr it-tkabbir u l-iżvilupp ta' dan il-misteru tat-twelid ta' Kristu fina li nbeda fil-magħmudija. It-twelid ta' Ġesù fina hu essenzjali f'kull mixja Kristjana. Il-magħmudija tifforma fina dan it-twelid "darba għal dejjem". Bid-dnub nistgħu nitilfu l-grazzja, nistgħu ma ngawdux aktar mill-misteru tat-twelid fi Kristu, imma ma nitilfu qatt id-dritt li nerġgħu nirċievu d-don tal-grazzja meta nindmu. Il-magħmudija hija patt li ma terġax lura minnu, li tingħata lilna għal dejjem. U dan għax Alla hu fidil fil-wegħdiet tiegħu. Aħna nistgħu nkunu infidili, imma Alla jibqa' fidil, ma jikser qatt "il-patt tiegħu magħna" grazzi għall-magħmudija: aħna nkunu disponibbli għall-grazzja, il-mixja bla "waqfien" tagħna, ta' bidla tagħna nfusna f'Ġesù. Ngħidu ma' San Pawl: "*mhux jien ngħix, hu Kristu li jgħix fija*" (Gal 2,30). Li nkunu mgħammdin ifisser li naċċettaw li ninbidlu ftit ftit f'Ġesù Kristu: b'hekk insiru verament ulied il-Missier, fil-milja ta' l-Ispirtu S-Santu li ngħatalna.

Il-magħmudija hija l-bażi tas-sejħa komuni għall-qdusija. Grazzi għall-magħmudija aħna diġà qaddisin u għalhekk imsejħin biex din il-qdusija li rċevejna insaħħuha. Hija wkoll il-pedament tas-saċerdozju komuni tal-fidili: aħna lkoll imsejħin biex nagħmlu sagrifiċċji spiritwali li jogħġbu lil Alla u li nagħmlu minn ħajjitna offerta ħajja b'ringrazzjament lill-Missier. Il-magħmudija hija wkoll il-pedament tar-responsbbiltà ta' l-insara kollha fil-bini tal-Knisja fid-dinja. Għax aħna mgħammdin, aħna lkoll għandna sehem fl-istorja tas-salvazzjoni, li trid tilħaq lill-popli kollha.

Anke hawn, il-missjoni ta' Marija tkompli. Hekk kif kellha sehem prinċipali fit-twelid ta' Ġesù, hekk għadha tkompli tħejji għall-miġjiet ta' Gesù fina l-imgħammdin u tkompli, permezz ta' Kristu fina, tħejjina biex insiru l-bnedmin ġodda. Marja hija Omm mhux biss għaliex tat lid-dinja lil Ġesà, imma wkoll għax hi għandha sehem attiv fil-ħajja spiritwali tagħna lkoll u fil-mixja 'l quddiem tagħna lkoll fi Kristu Iben Waħdieni.

Marija hi Omm Kristu, Omm il-Knisja u Ommna lkoll. Spiss, viċin il-fonti tal-magħmudija, ikun hemm Ikona ta' Marija Omm sabiex tintwera l-kontinwità bejn il-maternità ta' Marija Omm Kristu u l-maternità ta' Marija omm l-imgħammdin. Dan jispjega l-fatt li ma jistax ikun hemm mixja spiritwali u verament Ġesù jkun fina jekk dan ma jgħaddix minn idejn Marija.

Il-magħmudija tkun verament realizzata meta l-bniedem jimxi fuq il-mudell ta' l-**Iva** ta' Marija, u wkoll ikun disponibbli għall-Missier, biex hekk jitwettaq il-pjan ta' salvazzjoni fid-dinja.

Marija hi l-mudell ta' l-ispiritwalità Kristjana. Mudell ta' l-istennija tas-Salvatur, mudell biex inkunu disponibbli li nilqgħu r-Redentur tal-Bniedem u tad-dinja. Anke hawn, Marija hi Ikona ta' l-Avvent u hi Ikona għalina lkoll.

## 2.4. Għeluq

Marija hi l-Ikona ta' l-Avvent għax fiha nsibu jseħħ dak kollu li kien qed jistenna Iżrael. Hi ħejjiet għall-miġja tas-Salvatur bl-IVA tagħha u laqgħetu. Marija qdiet il-missjoni tagħha u laqgħet fih l-Verb. Marija qdiet il-missjoni tagħha fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, fit-twelid tal-Knisja f'Pentekoste, u għadha ssejjaħ lill-popli, speċjalment lil dawk li m'humiex Kristjani, biex jemmnu fi Kristu u ssejjaħ lilna biex ngħixu l-vokazzjoni batteżimali. Marija hija dejjem dik li tħejji għall-miġjiet tal-Mulej – fid-dinja u fina lkoll. F'Marija naraw dejjem il-preżenza tal-grazzja li tħejji għall-grazzja ta' Kristu u għall-grazzja tas-Sagramenti. F'dan is-sens, hemm rabta kbira bejn Marija, il-ħajja ġdida li jġibilna Ġesù u s-sagramenti tal-Knisja.

Il-Konċilju Vatikan II jgħid: *"(Marija) mbagħad wildet Iben, li Alla għamlu l-kbir fost ħafna aħwa (Rum 8,29), jiġifieri fost il-fidili, li għat-twelid mill-ġdid u l-formazzjoni tagħhom hija tikkoopera b'imħabba ta' Omm".* (LG 63)

Fl-amministrazzjoni sagramentali tal-Knisja, hemm il-preżenza ta' Marija. Dan hu wieħed mill-aspetti tal-Maternità Divina ta' Marija. Sant'Wistin kien iħobb igħid:
*"Marija hija veramement Omm tal-membri tal-Knisja ta' Kristu li huma aħna għax għenet bl-imħabba tagħha għat-twelid tal-Knisja."* (De Virginitate, 6 - PL 40, 399)

Dan ir-rwol ta' Marija m'għandux jitqies li qiegħed "b'xi mod inaqqas il-figura ċentrali ta' Gesù, Salvatur u medjatur uniku, bejn Alla u l-bniedem. Il-Koncilju Vatikan II jgħid:
"*Is-sehem ta' Marija bħala omm bl-ebda mod ma jdallam jew inaqqas il-medjazzjoni ta' Kristu, iżda juri kemm hi qawwija. Għaliex kull influwenza ta' salvazzjoni tal-Verġni Mqaddsa fuq il-bnedmin m'hix ġejja minn xi ħtieġa iżda mir-rieda ta' Alla u toħroġ mill-kotra mfawwra tal-merti ta' Kristu, tistrieħ fuq il-medjazzjoni tiegħu, tiddependi għalkollox u tieħu l-qawwa minnha".* (LG 60)

Wara dawn il-preċiżazzjonijiet il-Konċilju jkompli: "*Marija bdiet tkun Ommna fil-pjan tal-grazzja sa minn mindu hi tat il-kunsens tagħha għat-tħabbira ta' l-anġlu, kunsens li hi żammet bla eżitazzjoni taħt il-salib; u għadha u tibqa' ommna sa ma sseħħ għal kollox il-ġemgħa tal-magħżulin kollha*". (LG 62) Dan allura hu l-misteru ta' maternità, li għadu jseħħ sal-lum fil-Knisja.

"*Fl-imħabba tagħha ta' omm hija taħseb il-ħin kollu f'dawk l-aħwa ta' Binha li, fit-triq tagħhom lejn is-sema, għadhom jitħabtu fost perikli u diffikultajiet, u tibqa' tieħu ħsiebhom sa ma jidħlu fil-patrija ta' l-hena. Għalhekk fil-Knisja l-Verġni mbierka tissejjaħ bl-ismijiet ta' Avukata, Awżiljatriċi, Għajnuna, Medjatriċi.*" (LG 62)

Permezz tal-magħmudija - li hi ġrajja fundamentali - aħna jkollna sehem mill-ħajja nnifisha ta' Kristu u mill-Knisja. Marija u l-magħmudija huma ħaġa waħda. Fil-magħmudija tagħna u matul il-mixja tagħna hemm il-grazzja tal-Verġni Santissima. Marija hi Ikona eżemplari, turina l-fedeltà tagħha lejn il-pjan t'Alla. Meta nħarsu lejha naraw liema hu l-mod l-aktar tajjeb biex aħna nirrealizzaw il-pjan t'Alla fina, pjan li Hu ta lil kull wieħed minna.

# 3. Il-Qari tal-Ħdud tal-Avvent – Sena A

| | L-Ewwel Qari | It-Tieni Qari | Il-Vanġelu |
|---|---|---|---|
| **1** | Il-Mulej jgħaqqad flimkien il-popli kollha fis-Saltna tiegħu tas-sliem<br><br>Is 2,1-5 | Il-fidwa tagħna hi fil-qrib<br><br>Rum 13,11-14 | Ishru, biex tkunu lesti għal meta jiġi<br><br>Mt 24,37-44 |
| **2** | Il-Mulej jagħmel ħaqq mal-fqajrin<br><br>Is 11,1-10 | Ġesù Kristu jsalva l-bnedmin kollha<br><br>Rum 15,4-9 | Indmu, għax is-saltna tas-smewwiet hi fil-qrib.<br><br>Mt 3,1-12 |
| **3** | Alla tagħna ġej biex isalvana<br><br>Is 35,1-6.8.10 | Qawwu qalbkom, għax il-Mulej hu fil-qrib<br><br>Ġak 5,7-10 | Huwa int li għandu jiġi, jew nistennew lil ħaddieħor?<br><br>Mt 11,2-11 |
| **4** | Araw, ix-xebba tnissel u jkollha iben<br><br>Is 7,10-14 | Ġesù Kristu, Iben Alla, twieled min-nisel ta' David<br><br>Rum 1,1-7 | Ġesù jitwieled minn Marija, l-għarusa ta' Ġużeppi, min-nisel ta' David<br><br>Mt 1,18-24 |

# 4. Lectio Divina ta' l-Ewwel Qari tal-Ħdud tal-Avvent – Sena A

## L-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent

***"Ejja, dar Ġakobb, ħalli nimxu fid-dawl tal-Mulej" (Is 2,1-5)***

Hija silta kważi identika għal dik tal-Profeta Mikea (4,1-3). Il-viżjoni ta' Isaija titlaq minn sitwazzjoni diffiċli li għaddej minnha l-poplu. Is-Saltna ta' Ġuda qed timpenja ruħha f'alleanzi ta' gwerra permezz ta' Akaż (734 – 732 QK). Iżrael qed ifittex l-appoġġ ta' popli oħra pagani flok dak ta' Jahweh. Il-profeta qed iħares fil-fond biex f'dan kollu jaqra l-pjan ta' Alla.

"**Għad jiġri fl-aħħar jiem li l-għolja tad-dar tal-Mulej togħla 'l fuq mill-għoljiet, lejha għad jiġru l-ġnus kollha.**" (v.2)

"***fl-aħħar jiem***": Huwa l-konklużjoni ta' epoka u bidu ta' ħajja ġdida. Hekk fl-istorja preżenti, fl-intern ta' l-istorja umana, hemm imħabbar bidu ġdid.

"***l-għolja tad-dar tal-Mulej***": Sijon, il-post sagru ta' Ġerusalemm, fejn kien hemm mibni t-tempju. Dik l-għolja fejn għal tant sekli kien hemm l-arka tal-patt (ara 1 Slat 8,6), ser tinbidel f'post ta' paċi għall-bnedmin kollha.

"***togħla 'l fuq***": Fil-ħsieb mitoloġiku ta' l-orjent ta' dak iż-żmien, il-għolja tat-tempju kienet tiġi identifikata ma' l-għoljiet għoljin li fuqhom kienu jgħixu l-allat. It-tempju huwa l-post l-iżjed għoli għax fih tgħammar id-divinita': "*l-għolja qaddisa tiegħu, għolja mill-isbaħ, l-għaxqa ta' l-art kollha … hi l-belt tas-sultan il-kbir*" (Salm 48,2-3).

"***lejha għad jiġru l-ġnus kollha***": Nies bla esperjenza ta' pellegrinaġġi ser iżuru l-għolja tal-Mulej biex jirċievu l-kelma (ara v.3). Filwaqt li kull poplu kellu d-divinita' tiegħu u ħafna postijiet tal-kult, huwa issa lest li jħalli kollox warajh u jibda l-mixja.

"**Kotra ta' popli għad jiġu u jgħidu: "Ħalli mmorru u nitilgħu fuq l-għolja tal-Mulej, lejn id-dar ta' Alla ta' Ġakobb, biex jgħallimna triqatu, u nimxu fil-mogħdijiet tiegħu. Għax minn Sijon joħroġ it-tagħlim, u l-kelma tal-Mulej minn Ġerusalemm**" (v.3)

Il-preżenza t'Alla ċċaqlaq kull tip ta' reżistenza. Il-qawwa attraenti tal-verita' timbotta l-poplu biex jibda mixja xejn faċli, mixja f'telgħa.

"***biex jgħallimna triqatu, u nimxu fil-mogħdijiet tiegħu***": Li titgħallem u tisma' l-kelma huma sinonimi: "*Isimgħu l-kelma tal-Mulej, intom prinċpijiet ta' Sodoma; agħtu widen għat-tagħlim ta' Alla tagħna intom nies ta' Gomorra* (Is 1,10). Il-popli ma jġibux magħhom doni kif kien is-soltu jsir biex joffruhom lid-divinita'. Kollha jmorru l-iskola tal-Kelma biex jitgħallmu 'triqatu' (*il-Lectio*) u biex jimxu fil-mogħdijiet (*actio, collatio*). "*Ħieni l-bniedem … li fil-liġi tal-Mulej* (kelma) *hi l-għaxqa tiegħu, lejl u nhar jaħseb fil-liġi tiegħu*" (Salm 1,2).

**“Il-Mulej jagħmel il-ħaqq bejn il-ġnus, u jaqta’ s-sentenza bejn ħafna popli; u huma jibdlu x-xwabel tagħhom f’sikek tal-moħriet, u l-lanez tagħhom fi mnieġel**” (v.4)

Il-liġi tal-Mulej (il-kelma) ser tbiddel kollox f’ħelsien minn kull tip ta’ ħażen. Il-kaos reliġjuż – (*idoli*) – (2,12-16); politiku – (*ħakkiema*) – (3,6-12); etiku – (*nuqqas ta’ rispett lejn xulxin*) – (3,5.8-11); ekonomiku – (*il-ġid*) – (2,7,14-15) … ser jinbidel f’ordni, f’għodda għax-xogħol, għodda ta’ solidarjeta’. Il-familja umana ssir Betlehem (id-dar tal-ħobż). “*Ma jagħmlux aktar deni u anqas ħsara fuq il-muntanja qaddisa kollha tiegħi, għax mimlija hi l-art bl-għarfien tal-Mulej*” (Iż. 11: 9). “*U tfittex hemmhekk il-Mulej, Alla tiegħek, u ssibu, jekk inti tfittxu b’qalbek kollha u f’ruħek kollha. Fl-hemm tiegħek kollu, meta jiġu fuqek dawn il-ħwejjeġ kollha fl-aħħar jiem, terġa’ lura għal għand il-Mulej, Alla tiegħek, u tisma’ minnu. Għaliex il-Mulej, Alla tiegħek, hu Alla ħanin: ma jitilqekx u ma jeqirdekx.*” (Dewt 4,29-31).

“***jagħmel il-ħaqq***”: Meta dak li jkun iħalli lilu nnifsu jiġi ġġudikat mill-kelma, hu jsib il-verita’ tiegħu nnifsu u l-kuraġġ biex jaħdem għall-paċi (rikonċiljazzjoni miegħi nnifsi u ma l-oħrajn) akkost ta’ bidliet radikali (*il-Milied tal-Paċi jiddependi minn kemm jien sa nisma’ u ngħix il-kelma*).

Kollox huwa mixja lejn l-għaqda, il-paċi: kollox huwa ċċentrat fuq l-għolja ta’ Sijon, post uniku, poplu wieħed (“il-ġnus kollha”), b’sentimenti komuni: “*Il-lupu jibda jgħix mal-ħaruf, il-leopard mal-gidi*” (Is 11,6-9).

“**Ejja, dar Ġakobb, ħalli nimxu fid-dawl tal-Mulej**” (v.5)

Hija konklużjoni fejn turina li dan iż-żmien għadu ma wasalx u li l-poplu ta’ Iżreal irid ikun hu l-ewwel li jimxi fit-triq tal-Mulej, u b’hekk iwassal ġnus oħra li jieħdu l-inizjattiva u jgħidu: “*Ħalli mmorru u nitilgħu …*” (v.3): “*F’dawk il-jiem għaxart irġiel mill-ilsna kollha tal-ġnus jaqbdu Lhudi u jżommuh minn tarf il-libsa tiegħu, u jgħidulu: “Ħa niġu magħkom, għaliex smajna li Alla magħkom!*” (Żak 8,23).

Iżrael, li dwaru jingħad, “*Għax liema ġens hu hekk kbir li għandu l-allat hekk qrib tiegħu daqs kemm hu qrib tagħna l-Mulej, Alla tagħna, kull x’ħin insejħulu … jew liema ġens hu hekk kbir li għandu l-liġijiet u l-ordnijiet hekk sewwa?*” (Dewt 4,7-8), huwa msejjaħ l-ewwel wieħed biex jibda l-mixja. “*Waslet is-siegħa li intom tqumu min-nagħas; għax is-salvazzjoni tagħna hi eqreb minn meta bdejna nemmnu. Il-lejl għoddu għadda … Inwarrbu mela l-egħmil tad-dlam u nilbsu l-armi tad-dawl*” (Rum. 13: 11-12).

“*Fanal għal riġlejja l-kelma tiegħek, u dawk fil-mogħdijiet tiegħi*” (Salm 119,105). Kull mixja fid-dawl – fil-Kelma, fi Kristu: “*Jiena d-dawl tad-dinja*” (Ġw 8,12) – trid tinbidel f’paċi u mħabba.

## It-Tieni Ħadd ta' l-Avvent

*"Fuqu jistrieħ l-Ispirtu tal-Mulej"* **(Is 11,1-10)**

**"Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse, għad tinbet rimja minn għeruqu"** (v.1)

Fl-aħħar parti tal-kapitlu ta' qabel (kap. 10) hemmimsemmija ġrajja kbira: l-eżerċtu ta' l-Assirja qed jipprova jeqred lil Ġerusalem. Il-preżenza ta' l-għadu tħalli ħerba, sa fil-foresta ssib biss siġar imqaċċta (ara Is 10,33-34). Meta t-tamiet ikunu donnhom għosfru, il-Mulej innifsu jieħu l-inizjattiva biex juri l-fedeltà għall-wegħdiet tiegħu. Ser ikun hemm sinjal ta' tiġdid u żgħożija, f'kontinwità ma' l-istorja passata (siġra mqaċċta, imma l-għeruq baqgħu ma' l-art), imċappsa bl-infedeltajiet tas-sultan David. Hija profezija marbuta wkoll mal-fdal ta' Iżrael (ara Is 10,19-23).

"fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej, l-ispirtu ta' l-għerf u d-dehen, l-ispirtu ta' l-għaqal u l-qawwa, l-ispirtu ta' l-għarfa u l-biża' tal-Mulej. U għaxqa tiegħu fil-biża' tal-Mulej" **(vv.2-3a)**

***"fuqu jistrieħ":*** L-ispirtu tal-Mulej fl-Antik Testment huwa t-turija tal-qawwa t'Alla. Dak li fuqu jistrieħ jiġi mogħti rwol ta' tmexxija, imma kienet dejjem qawwa tran\itorja (eż. Gideon [ara Mħal 6,3-20]; Sansun [M]al 14,6; 15,14]; Sawl [1 Sam 10,6]; David [1 Sam 16,13]). Fil-Messija dan il-*mistrieħ* huwa garanzija ta' preżenza permanenti. Jibda proġetti bil-għaqal u fl-istess waqt ikollu l-qawwa li jwettaqhom.

Meta t-Testment il-Ġdid jitkellem minn Spirtu juża l-kelmiet *nar, nifs, riħ:* simboli ta' l-aġir uman, u simboli ta' tifrix, espansjoni, moviment... Dak li hu mimli bl-Ispirtu għandu fih il-kapaċità li jibqa' jikber, li joħroġ barra minnu nnifsu, li jingħata. Tant kemm tidher il-qawwa li l-Ispirtu li donnhom l-awturi sagri jinsew ipoġġu t-tweġiba tal-bniedem.

Id-doni huma mqassma fi tlilet gruppi ta' tnejn. It-tradutturi Griegi u Latini żiedu magħhom id-don tal-pjetà. Minn hawn nibtu s-seba' doni ta' l-Ispirtu s-Santu.

***"U l-għaxqa tiegħu fil-biża' tal-Mulej":*** *"Kemm hi ħaġa kbira li wieħed isib l-għerf, imma m'#hemmx aqwa minn min jibża' mill-Mulej. Il-biża' tal-Mulej jisboq fuq kollox"* (Sir 27,10-11). Il-ħames rekwiżiti l-oħra għat-tmexxija tas-sultan huma frott l-esperjenza umana.

**"Ma jiġġudikax skond ma jidher fl-għajnejn, u ma jagħtix sentenza skond ma jisma', iżda jiġġudika l-imsejkna skond il-ġustizzja, u jagħti sentenza skond is-sewwa lill-fqajrin ta' l-art."** (vv.3b-4a)

***"Ma jiġġudikax skond ma jidher fl-għajnejn":*** *"Għax il-Mulej ma jarax bħalma jara l-bniedem, dak biss li jidher fl-għajn, imma l-qalb"* (1 Sam 16,7); *"Jiena hu l-Mulej, li nifli l-qalb u ngħarbel il-ġewwieni"* (Ġer 17,10); *"Intom dawn li tagħmluha ta' nies sewwa f'għajnejn il-bnedmin. Imma Alla qalbkom jafha. Għax dak li f'għajnejn il-bnedmin hu kbir, quddiem Alla hu mistkerrah."* (Lq 16,15).

*jiġġudika l-imsejkna … lill-fqajrin ta' l-art":* Il-preferenza fit-tmexxija tiegħu ser tkun favur id-dgħajfa, dawk li ma jistgħux jiddefendu lilhom infushom (il-kategoriji tar-romol, ta' l-orfni, tal-barranin, tal-morda, u ta' dawk li huma f'kull tip ta' bżonn). Hu ser ikun il-Messija ta' aħbar tajba: *"Fittxu l-Mulej ilkoll, intom l-umli ta' l-art… biex forsi f'jum il-korla tal-Mulej ikollkom fejn tistkennu"* (Sof 2,3)

**"Isawwat il-kiefra bix-xettru ta' fommu, u b'nifs xufftejh joqtol lill-ħażin"** (v.4b)

Ir-Re jesprimi l-ġudizzju bil-qawwa tal-kelma tiegħu. Grazzi għal din il-kelma effikaċi li l-"fergħa" teħles 'il-pajjiż minn dawk il-vjolenti u li jagħmlu l-ħażen. *"Mbagħad jinkixef il-Ħażin, u l-Mulej Ġesù joqtlu b'nifs fommu* (bil-Kelma) *u jeqirdu bid-dija tal-preżenza tiegħu."* (2 Tess 2,8)

**"Il-ħżiem ta' ġenbejh tkun il-ġustizzja, u l-fedeltà l-ħżiem ta' qaddu"** (v.5)

Il-ħżiem madwar il-qadd kien jitqies bħala parti essenzjali mill-ilbies peress li kien itella' u jżomm il-libsa, u dak li jkun jien ikollu iżjed libertà biex jiċċaqlaq. Il-ġustizzja u l-fedeltà ser ikunu s-sikurezza tiegħu.

**"Il-lupu jibda jgħix mal-ħaruf, il-leopard mal-gidi, u jirgħu flimkien l-għoġol u ferħ ta' l-iljun, daqsxejn ta' tfajjel isuqhom… L-iljun bħall-gendus jiekol it-tiben. It-tarbija titliegħeb fil-ħofra tas-serp"** (vv.6-8a)

Huwa r-ritorn għall-Għeden (ara Ġen 2,19-20), fejn il-ħolqien ma kienx laħaq intmess mill-feriti tad-dnub. Huwa żewġ pari ta' tliet koppji ta' annimali, fejn fl-aħħar ta' kull par jissemma' l-bniedem (tarbija u tfajjel). Il-koppji jesprimu r-rikonċiljazzjoni ta' l-annimali feroċi ma' dawk mansi, kollha sottomessi għall-bniedem, anke għal dak l-aktar dgħajjef. Kienet ir-ribelljoni tal-bniedem kontra Alla (ara Ġen 3) li qallbet l-ordni tal-bniedemu n-natura (ara Ġen 3,17-19), u r-relazzjoni ta' bniedem ma' bniedem (ara Ġen 4,1-16).

*"l-iljun bħall-gendus jiekol it-tiben":* l-annimali kollha jiġu meqjusa bħala erbivori flok jgħixu biil-mewt ta' annimali oħra: hija s-sitwazzjoni misjuba fl-Għeden: *"U lill-bhejjem kollha selvaġġi u t-tajr kollu ta' l-ajru u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fl-art lifihom nifs il-ħajja, nagħtihom il-ħaxix kollu aħdar għall-għajxien tagħhom."* (Ġen 1,30)

*"it-tabija tal-ħalib"* hija meqjusa bħala l-iżjed fraġli u ma tistax tiddefendi lilha nfisha, u issa qed tgħix f'armonija mas-serp velenuż. Il-Ġenna ta' l-Art reġgħet ġiet skoperta. Ukoll is-serp (li fil-Ġenesi huwa relatat mal-ħażen) ma baqagħlux il-qawwa li jagħmel il-ħsara. *"Fiq l-iljun u l-lifgħa int timxi, ferħ ta' ljun u serp int tirfes"* (Salm 91,13); *"Min jista' jagħmlilkom il-ħsara jekk tkunu ħerqana għat-tajjeb?"* (1 Pt 3,13) Il-mewt ma baqgħalhiex il-qawwa ta' qabel.

**"Ma jagħmlux aktar deni u anqas ħsara fuq il-muntanja qaddisa kollha tiegħi, għax mimlija l-art bl-għarfien tal-Mulej"** (v.9a)

Meta hemm paċi m'Alla hemm bħala konsegwenza paċi mal-ħolqien. *"U rajt sema ġdid u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu, u ma kienx hemm iżjed baħar"* (Apok 21,1).

***“mimlija hi l-art bl-għarfien tal-Mulej”:*** “għarfien” tfisser komunjoni, unjoni fil-ħsieb u l-għemil. Meta Ġesù jgħid li *“ħadd ma għaraf lill-Iben jekk mhux il-Missier”* (Mt 11,27) ifisser li ħadd ma jħobbu iżjed minnu.

**“Mbagħad jiġri li f’dak il-jum li l-għerq ta’ Ġesse jieqaf bħala sinjal għall-popli.”** (v.10)

*“U Eżekjal ikun għalikom sinjal, għax kull ma għamel hu għad tagħmluh intom ukoll”* (Eżek 24,24); *“bħalma Ġona sar sinjal għan-nies ta’ Ninwè, hekk isir Bin il-bniedem għal dan in-nisel”* (Lq 11,30).

## It-Tielet Ħadd ta' l-Avvent

*"Hu stess ġej biex isalvakom" (Is 35,1-6a.8a.10)*

Il-waqgħa ta' Ġerusalem seħħet fis-sena 587. Ġerusalem (Sijon), li hija s-simbolu ta' l-art kollha ta' Iżrael, ġiet ridotta f'deżert (ara Is 32,14) għax ittradiet is-sejħa tagħha li tgħix skon il-ġustizzja u s-sewwa (ara Is 5,6-7). In-nies ta' Edom urew kull tip ta' ostilità, partikularment ma' Ġuda: *"Waħedha baqgħet bint Sijon, bħal għarix f'qasam dwieli, bħal girna f'għalqa bħajra…"* (Is 1,8); *"minn qiegħ ir-riġel sar-ras, xejn ma hemm sħiħ. Xejn ħlief drib, tbenġil u ġrieħi jnixxu. Ma naddfuhomx, anqas rabtuhom, lanqas dewwewhom biż-żejt"* (Is 1,6)… Kollox huwa l-konsegwenza talli *"huma qamu konrija* (il-Mulej)" (Is 1,2). Tant għamew li ma setgħux jagħrfuH bħala l-għajn ta' ħajjithom. Ġerusalem saret il-post fejn *"il-kbarat tiegħu bil-ġuħ imutu, tinxef bil-għatx il-kotra tiegħu"* (Is 5,13).

Il-Kapitli 34 u 35 huma kumplimentari għal xulxin. It-tnejn jippreżentaw iż-żewġ uċuħ ta' l-istess ġrajja: il-qtil ta' l-għedewwa min-naħa (Kap 34), u fun in-naħa l-oħra r-rebħa tal-poplu t'Alla (Kap 35). Iż-żewġ kapitli ħew imsejħa wkoll 'apokalissi ċkejkna'. Fil-ġrajja ta' Edom Alla juri l-ġudizzju tiegħu fuq dawk il-popli li rrifjutaw id-dawl tal-verità u ppreferew jaduraw lill-idoli. Għal Ġerusalem hemm ġid fiżiku u spiritwali kbir. Dan ser ikun possibbli bil-miġja tal-Messija.

**"Ħa jifirħu d-deżert u l-art maħruqa; ħa jifraħ ix-xagħri u jwarrad, ħa jwarrad bħar-ranġis. Ħa tifraħ fuq li tifraħ, taqbeż u tgħanni. Sebħ il-Libanu jingħata lilha, il-ġmiel tal-Karmel u ta' Saron. Għad jaraw is-sebħ tal-Mulej, il-ġmiel ta' Alla tagħna."** (vv.1-2)

Il-ferħ jimla d-deżert u l-art maħruqa għax it-tnejn ser jinħelsu mill-isterilità tagħhom, mill-mewt. Wara żmien twil ta' eżilju, ta' stennija, in-natura mimlija ħajja tħabbar relazzjonijiet ġodda bejn Alla u l-poplu tiegħu.

***"Sebħ il-Libanu… il-ġmiel tal-Karmel u ta' Saron":*** il-Libanu kien famuż għas-siġar li kellu, speċjalment għall-injam taċ-ċedru (ara Is 60,13), u l-istess kien ili-Karmel; filwaqt li s-Saron kien igawdi pjanuri sbieħ u ħodor u mimlija fjuri.

***"Għad jaraw is-sebħ (ili-glorja) tal-Mulej":*** Sebħ (kabod) hi kelma Lhudija li xi kultant hi wżata flok l-isem ta' Alla. Hawn turi li Alla qed ixerred il-glorja tiegħu, il-preżenza tiegħu. *"U tfiġġ il-glorja tal-Mulej, u l-bnedmin jarawha lkoll f'daqqa, għax fomm il-Mulej tkellem"* (Is 40,5); *"Għax hu tkellem, u hi saret; hu ordna, u hi twaqqfet"* (Salm 33,9).

**"Qawwu l-idejn mitruħa; saħħu l-irkubbtejn imriegħda. Għidu lil dawk b'qalbhomimbeżżgħa: 'Agħmlu l-ħila, la tibżgħux! Araw, Alla tagħkom ġej jitħallas; il-ħlas ta' Alla wasal; Hu stess ġej biex isalvakom'."** (vv.3-4)

L-***"idejn mitruħa"***, l-***"irkubbtejn imriegħda"*** u l-qalb ***"imbeżżgħa"*** jirreferu għall-bniedem sħiħ: huma dimensjonijiet fiżiċi u materjali, affettivi u morali. Il-*jien profond* tal-bniedem isib is-serenità: *"Hu jagħti l-qawwa lill-għajjien, u jkattar il-qawwa lil min hu bla saħħa"* (Is 40,29); *"Imma dawk li jittamaw fil-Mulej jieħdu saħħithom,*

*itellgħu l-ġwienaħ bħall-ajkli, jiġru bla ma jegħjew, jimxu bla ma jintelqu”* (Is 40,31). Jekk Alla ġej biex isalva l-poplu, l-istess poplu ser jersaq lejh.

***“Agħmlu l-ħila, la tibżgħux! Araw, Alla tagħkom ġej… biex isalvakom”:*** *“La tibżgħux u la titwerxrux quddiem is-sultan ta’ l-Assirja,u quddiem il-kotra li hemm miegħu… Miegħu hemm id-drigħ tal-laħam, imma magħna hemm il-Mulej, Alla tagħna, biex jgħinna u jitqabad fit-taqbid tagħna”* (2 Kron 32,7-8); *“… tibżgħux u titregħdux quddiemhom; għax hu, il-Mulej Alla tiegħek, ser jimxi miegħek; m’hux ser iħallik, lanqas jitilqek”* (Dewt 31,6). Il-poplu ser ikun f’saħħtu għax qed jibni fuq il-preżenza tal-Mulej: *“Hawn hu Sidi l-Mulej, li ġej bil-qawwa, u jaħkem biil-qawwa ta’ driegħu. Hawn hu bi ħlasu miegħu, u r-rebħa tiegħu quddiemu.”* (Is 40,10)

***“Alla tagħkom ġej jitħallas; il-ħlas ta’ Alla wasal”:*** Alla ġej biex jeqred il-ħażin u jerġa’ jwaqqaf il-ġustizzja. Ġej biex isalva.

**“Mbagħad jinferħu għajnejn l-għomja, jinfetħu widnejn it-torox. Mbagħad iz-zopp jaqbeż bħal għażżiela u lsien l-imbikkma jinħall bil-ferħ”** (vv.5-6)

Iil-miġja ta’ Ġesù tbiddel il-futur f’tama u l-preżent f’ċertezza: *“Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta’ dak li qegħdin tisimgħu u taraw: l-għomja jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiequ, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, l-Evanġelju jixxandar lill-foqra”* (Mt 11,4-5); *“U nfetħu għajnejhom it-tnjen u ntebħu li kienu għerja”* (Ġen 3,7); *“U dakinhar it-torox jisimgħu kliem il-ktieb; u, meħlusin mis-swied ud-dlam, għajnejn l-għomja jaraw; u l-imsejknin jifirħu fiil-Mulej, u l-fqajrin fost il-bnedmin jaqbżu bil-ferħ bil-Qaddis ta’ Iżrael”* (Is 29,18-19); *“Għax jgħixu mill-ġdid il-mejtin tiegħek, il-katavri jqumu lkoll. Jistenbħu u jgħannu dawk li jgħammru fit-trab.”* (Is 26,19)

**“Hekk ikun hemm triq, isejħulha: ‘It-Triq il-Qaddisa’”** (v.8)

Imsejħa triq qaddisa għax twassal sal-Belt il-Qaddisa lil dawk li huma salvati, meħlusa mill-iskjavitù. Dan ser ikun esodu ġdid li minnu ser jitwieled poplu ġdid u li ser jgħammar f’Ġerusalem il-ġdida.

**“Jerġgħu lura l-mifdijin tal-Mulej, u jidħlu f’Sijon jgħajtu bil-ferħ, b’ferħ ta’ dejjem fuq rashom. Il-ferħ u l-hena jiksbu, u jgħibu swied il-qalb u l-krib”** (v.10)

Is-Salm 126 huwa deskrizzjoni ta’ dan il-ferħ: *“Meta l-Mulej raġġa’ lura l-imjassra ta’ Sijon, konna qisna mitlufa f’ħolma; mbagħad bid-daħk imtela fommna, u bl-għajat ta’ ferħ ilsienna* (vv.1-2a)*… Huma u sejrin, imorru ibku, iġorruu ż-żerriegħa għaż-żrigħ. Iżda huma u ġejjin lura, jiġu b’għana ta’ ferħ, iġorru l-qatet f’idejhom”* (v.6). L-esodu l-ġdid ser ikun aħjar minn dak ta’ l-iskjavitù ta’l-Eġittu għax minnu ser jitwieled poplu ġdid ippurifikat permezz tas-sofferenzi ta’ l-eżilju.

## Ir-Raba Ħadd ta' l-Avvent

***"Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess" (Is 7,10-14)***

**Sfond storiku:** Is-Sirja, Iżrael, il-poplu ta' Edom ul-Filistej sippretendew li s-sultan ta' Ġuda, Aħaż, jingħaqad magħhom biex jiġġieled kontra l-Assirja (725-733qK). Meta Aħaż pprefera li ma jkollu ebda alleati, dawn is-slaten ta' qribu qabdu jeħduha kontrih u fettxew li jeħdulu s-saltna. Aħaż, għalhekk, ipprefera li jissieħeb mal-poplu ta' l-Assirja.

**"Il-Mulej issokta jkellem lil Aħaż u jgħidlu: 'Itlob sinjal għalik mingħand il-Mulej Alla tiegħek, f'qiegħ l-art jew fl-għoli tas-smewwiet'."** (vv.10-11)

Il-Profeta qed jistieden lil Aħaż biex ikollu iżjed fidi f'Jaħweh mill-fil-bniedem (Assirja): *"Jekk ma temmnux ma tibqgħux sħaħ"* (Is 7,9b). Qed jurih li min Hu aqwa jirbaħ. Dak li bena lil Ġuda jaf isalvaha hu. *"Fil-konverżjoni u l-kalma ssibu s-salvazzjoni tagħkom; fil-kwiet u l-fiduċja qiegħda l-qawwa tagħkom."* (Is 30,15) *"Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa lil martu għandu."* (Mt 1,24)

***"f'qiegħ l-art jew fl-għoli tas-smewwiet":*** f'kull tip ta' livell.

**"U Aħaż wieġeb: 'Ma nitlobx: ma rridx nittanta lill-Mulej'."** (v.12)

*"U (Gidgħon) wieġbu: 'Jekk sibt ħniena f'għajnejk, agħmilli sinjal li inti qiegħed tkellimni"* (Mħal 6,17). Aħaż hu l-bniedem ta'bla fidi. Ma jridx ikun immexxi minn Alla. Ma jridx li Alla jidħol fl-għażliet u l-pjanijiet tiegħu. Jibża' li ser ikun kostrett jabbanduna l-proġetti tiegħu. B'mod ipokritu jistaħba taħt motivazzjoni reliġjuża.

*"U s-sultana Ester ukoll, qabadha biża' għall-mewt, u fittxet il-kenn tal-Mulej… Imbagħad talbet lill-Mulej Alla ta' Iżrael, u qaltlu: 'Mulejja, int waħdek is-Sultan tagħna. Għinni għax jien waħdi, u ma għandi ebda kenn ieħor ħliefek, u bħalissa għaddejja minn periklu kbir."* (Est 4C,12.14-15)

**"U l-profeta wieġeb: 'Isimgħu, mela, dar David: m'hux biżżejjed għalikom li tkiddu lill-bnedmin, biex issa se tkiddu lil Alla tiegħi?'"** (v.13)

***"tkiddu lill-bnedmin… tkiddu lil Alla":*** huwa d-dnub soċjali u d-dnub ta' l-ateiżmu (rifjut ta' Alla). *"B'danakollu, int, Ġakobb, ma sejjaħtlix, għax int xbajt minni, O Iżrael! Ma ġibtlix in-nagħaġ tiegħek għas-sagrifiċċju tal-ħruq. Ma xtrajtlix bi flusek qasab bil-fwieħa, lanqas xebbajtni bix-xaħam tal-vittmi. Imma għabbejtni bi dnubietek, fnejtni bi ħżunitek."* (Is 43,22-24)

"***Alla tiegħi":*** ifisser li l-'Le' ta' Aħaż qed turi l-ogħla grad ta' infedeltà.

**"Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess: Araw, ix-xebba titqal utiled iben, u ssemmih Għimmanu-el."** (v.14)

Alla xorta waħda jibqa' jiġri wara l-bniedem: *"Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla."* (2 Kor 5,21)

***"Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess":*** Is-sinjali li joffri l-Mulej fihom qawwa kbira. Kull sinjal huwa marbut mal-fidi.

***"tiled u jkollha iben":*** Alla ser jieħu ħsieb il-poplu tiegħu permezz tad-dgħjufija ta' tarbija: *"Għax tweldilna tifel, ingħatalna iben; is-setgħa tkun fuq spallejh"* (Is 9,5a). *"Għalhekk il-Mulej jitlaqhom sa meta teħles dik li hi fil-uġigħ tal-ħlas; imbagħad iil-bqija ta' ħutu jerġgħu lura fost ulied żrael."* (Mik 5,2)

***"u ssemmih Għimmanu-el":*** *"u jsemmuh Għimmanuel-El, li bi lsienna jfisser 'Alla magħna'."* (Mt 1,23) *"U deherlu l-anġlu tla-Mulej u qallu: 'Il-Mulej miegħek, ja raġel qalbieni!' U Gidgħon qallu: 'Imma għidli, Sidi, jekk il-Mulej magħna għaliex ġralna dan kollu? Fejn huma l-opri l-kbar li kienu jgħidulna bihom missirijietna, u qalulna: 'Ma tellgħaniex mill-Eġittu l-Mulej?' U issa għala l-Mulej telaqna u rħiena f'idejn il-Midjanin?' Il-Muej dar lejh u qallu: 'Mur ueħles b'din il-qawwa teigħek lil Iżrael mill-ħakma ta' jdejn Midjan. M'hux jien bgħattek?' U Gidgħon wieġbu: 'Iddew, ja Sidi, biex se neħles lil Iżrael? Ara, il-familja tiegħi hi l-inqas waħda fit-tribù ta' Manassi, u jien iż-żgħir f'dar missieri.' U l-Mulej wieġbu: 'Jiena nkun miegħek! Int tidrab il-Midjanin bħallikieku kienu raġel wieħed'."* (Mħal 6,12-16)

**Ir-riżultat tan-nuqqas ta' fidi ta' Aħaż:** Aħaż ried isalva lil pajjiżu mill-invażjoni tal-barranin u fl-istess waqt jiġri l-kuntrarju. L-istess Assirja tieħu taħt idejha parti minn Ġudas (ara 2 Slat 16,1-20). Tefa' l-fiduċja tiegħu fid-dnub u sar l-ilsir ta' l-istess dnub.

# 5. L-IKONA TAT-TĦABBIRA

## Tifsira ta' l-Ikona tat-Tħabbira tal-Mulej

### Daħla

Illum ħafna huma dawk li qed juru interess kbir lejn l-ikoni. Issib persuni li għandhom kollezzjoni sħiħa, u oħrajn qed iħarsu lejn l-ikona bħala oġġett ta' arti antika. Iżda l-għan ewlieni li għalih tiġi mpittra l-ikona mhuwiex dan; l-għan ta' kull ikona ma huwiex artistiku, iżda huwa wieħed spiritwali: dak li jressaq dejjem aktar il-bniedem lejn Alla biex iduq xi ftit mill-imħabba infinita tiegħu.

Il-kelma ikona ġejja mill-grieg u tfisser xbieha. L-ikona hija sempliċi pittura fuq l-injam li turi x-xbieha ta' Kristu, tal-Verġni Marija jew tal-qaddisin. San Ġwann Dammaxxenu kien iħobb isejjaħ l-ikona bħala: *Vanġelu Mpitter!* Għandu elf raġun jgħid hekk, għaliex l-ikona, permezz tal-figuri u l-kuluri, trid twasslilna dak li hemm miktub fil-Kotba Mqaddsa, b'mod partikulari fil-Vanġelu.

### L-Ikona

L-ikona li qed takkumpanja l-mixja tal-Knisja f'Għawdex matul din is-sena pastorali tinsab fil-Mużew Nazzjonali ta' Ochrida fil-Maċedonja, waqt li fil-bidu kienet fil-Knisja ta' San Klement. Għalkemm l-awtur m'hux magħruf, l-istudjużi jżommu li kien jgħix f'Kostantinopli fil-bidu tas-seklu XIV. Ninnotaw li jidher ċertu moviment f'din l-ikona: il-moviment tal-Anġlu lejn il-Verġni Marija. L-ikona hija mibnija fuq dak li nsibu fil-vanġelu ta' San Luqa fl-ewwel kapitlu, versi 26 sa 38.

Fuq naħa jidher il-mibgħut ta' Alla, l-anġlu Gabrijel, li qiegħed iwassal il-messaġġ divin lill-Verġni Marija, li tinsab bilqiegħda fuq tron. In-naħa ta' fuq ta' l-Ikona jidhru l-kelmiet bil-grieg li jġibu l-Isem ta' l-Ikona: *Ho chairetismos* li jfissru **Tħabbira**, waqt li fuq ras l-anġlu jidher l-isem *Ho Achangħelos Gabriel*, l-Arkanġlu Gabrijel. Mentri ħdejn il-Madonna jidhru il-kelmiet ***M(ete)r Th(eo)u***, li jfissru l-**Omm ta' Alla**. Tajjeb ngħidu li permezz ta' din il-festa, il-liturġija tara l-bidu tat-twettieq tal-pjan tas-salvazzjoni. Infatti, l-innijiet liturġiċi jistiednu lill-fidili biex jifirħu u jfaħħru 'l Alla għaliex ġie mħabbar il-pjan tas-salvazzjoni. L-istedina ta' ferħ lil Marija hija stedina ta' ferħ lill-umanità. Fl-*Apolitikion* (il-Lawdi tal-festa, miktuba minn Teofanu) il-knisja Biżantina tkanta:

*"Il-Misteru moħbi sa minn dejjem, illum ġie mħabbar:*
*l-Iben ta' Alla jsir Bin il-bniedem.......*
*Adam, imnikket għaliex ma sarx bħal Alla kif xtaq,*
*iżda Alla jsir bniedem biex jagħti lil Adam id-divinità.*
*Jifraħ għalhekk il-ħolqien kollu,*
*għaliex l-Arkanġlu deher quddiem il-Verġni*
*u jwasslilha l-aħbar ta' ferħ fejn kien isaltan in-niket".*

### L-Anġlu Gabrijel

*"Imbagħad fis-sitt xahar* ***Alla bagħat l-anġlu Gabrijel*** *f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Din ix-*

*xebba kien jisimha Marija.* ***L-anġlu daħal għandha*** *u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek"* (Lq 1, 26-28).

Gabrijel huwa l-mibgħut ta' Alla, u għalhekk f'idu x-xellugija jħaddan **Bastun**, simbolu tal-pellegrin li ħalla t-tron ta' Alla u ġie fid-dinja *"f'belt tal-Galilija"*. L-anġlu rċieva l-awtorità ta' Alla biex jidħol għand Marija u jwasslilha messaġġ Divin, għalhekk il-bastun ifisser ukoll awtorità Divina.

**Il-Libsa Bajda**: Gabrijel huwa liebes ilbies abjad, dan hu l-kulur tad-dawl u tal-ħajja, dawk kollha li għandhom x'jaqsmu ma' Alla qed igawdu mill-glorja Divina. Niftakru fir-rakkont tat-trasfigurazzjoni: *"id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta' bjuda li tgħammex"*.

Anke Ġwanni fid-dehra tas-sema jilmaħ il-maħturin ta' Alla libsin ilbiesi bojod: *"ħarist, u ara, kien hemm kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha, minn kull ġens u tribù,... weqfin quddiem it-tron u quddiem il-ħaruf, lebsin ilbiesi twal bojod..."* Fuq il-komma ta' l-anġlu tidher **Faxxa Kaħla** tfisser li l-missjoni tiegħu hija waħda ġejja mis-sema, hija Divina.

**L-Id il-Leminija** li hija merfugħa lejn Marija, turi li bejn iż-żewġ persunaġġi għaddej djalogu: l-anġlu qed jitkellem u Marija tisma' u tirċievi l-aħbar. Eluf ta' snin qabel, is-serpent wassal aħbar ta' mewt lil Eva, issa Gabrijel iwassal aħbar ta' ferħ lil Eva l-ġdida, aħbar li twassal għall-ħajja.

**Is-Subgħajn ta' l-Anġlu** qegħdin f'pożizzjoni ta' barka lejn il-Verġni Marija, għaliex l-aħbar li hu ġab hija waħda ta' barka. Hija barka mis-Santissima Trinità, infatti jidhru tliet subgħajn miftuħa, waqt li ż-żewġ subgħajn l-oħra huma magħluqa u jmissu ma' xulxin: dan biex ifissru li t-Tieni Persuna Divina ser issir bniedem u b'hekk ser torbot flimkien żewġ naturi, dik Divina ma' dik umana fil-persuna ta' Kristu .

## Il-Verġni Marija

Il-Verġni Mbierka tidher bilqiegħda, maħsuda bid-dehra ta' l-anġlu u liebsa mantar kannella skur li fit-truf fih burdura tad-deheb, waqt li l-libsa hija ta' kulur ikħal skur.

**Il-Mantar** ta' kulur kannella jfisser l-umiltà ta' din ix-xebba. Hu wkoll il-kulur tal-ħamrija, għaliex Marija hija dik l-art mhix maħduma (verġni) iżda fertili, lesta li tilqa' f'ġufha s-Salvatur. Fl-innu Akathistos naraw kif Marija hija mxebbħa ma' għalqa għammiela:

*"Mill-ġuf tagħha*
*għamel għalqa għammiela*
*għal min jixtieq jaħsad*
*il-frott tas-salvazzjoni".*

Marija hija l-għalqa li minnha tnissel Kristu, l-awtur tas-salvazzjoni tagħna. Il-liturġija orjentali fil-kanoni tagħha tagħmel użu mill-istess simboliżmu u ssejjaħ lil Marija "għalqa" waqt li lil Kristu ssejjaħlu l-"qamħa Divina" għax għalina huwa sar il-ħobż tal-ħajja. *"Sliem għalik, O għalqa mhix maħduma, minnek nibtet il-qamħa Divina".*

**Il-Libsa kulur Ikħal skur (vjola)** qed tfisser id-distakk ta' Marija mill-ħwejjeg tad-dinja u l-elevazzjoni ta' ruħha għall-ħwejjeġ ta' Alla. Dak li Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu fl-aħħar ċena japplika fuq kollox għal Marija: "**Jien tajthom il-kelma tiegħek, u d-dinja bagħdithom, għaliex huma m'humiex tad-dinja...**". Marija emmnet fil-kelma li l-anġlu ġabilha mis-sema, u hekk bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu tnissel f'ġufha Kristu Ġesù, il-Kelma ta' Alla.

F'din l-ikona, Marija tinsab bilqiegħda fuq imħadda **ħamra**, anke ż-żarbun hu ta' l-istess kulur. Il-kulur aħmar porpra huwa l-kulur tas-slaten: Marija hija s-sultana għaliex

hija Omm Kristu Sultan. Kull min jilqa' l-kelma regali ta' Alla jitlibbes bir-regalità ta' Alla. Il-kelma ta' Alla ddaħħalna f'relazzjoni ma' Alla, u nibdew niġu ttrasfigurati fiH.

**L-id xellugija qed iżżomm mekkuk u kobba suf aħmar**. Hawn għandna riferiment għall-kotba apokrifi fejn naqraw li meta Marija ġiet mogħtija lil Ġużeppi biex ikun ir-raġel tagħha, hija ħalliet it-Tempju u marret toqgħod f'darha, iżda meta tefgħu x-xorti biex tiġi maħduma l-purtiera tat-tempju, ix-xorti waqgħet fuq Marija biex tkun hi li taħdem il-porpra ta' din il-purtiera. Bdiet taħdimha d-dar, u ġara li meta marret iġġib l-ilma mill-bir, skond din il-kitba apokrifa kellimha għall-ewwel darba l-Anġlu Gabriel. Il-Padri u l-Kittieba tal-Knisja jaraw is-sens simboliku ta' dan kollu. Hekk, per eżempju, fil-Kanoni tal-festa miktub minn Indrija ta' Kreta nsibu: *"Il-porpra regali tal-Għimmanuel, li hija l-ġisem tiegħu, ġiet minsuġa fil-ġuf purissimu tiegħek, o Verġni Omm Alla"*.

San Efrem tas-Sirja: *"Illum Marija saret sema li fih hemm Alla, għaliex fiha niżlet tgħix id-divinità. (Id-divinità) iċċekknet fiha biex tgħolli lilna, u dan għalkemm min-natura tagħha ma hix żgħira. Fiha (f'Marija) nisġet (id-Divinità) għalina l-libsa tas-salvazzjoni"*. Hawn qiegħed il-kobor tal-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni: Marija toffri lil Alla ħajjitha u f'ġufha jinħadem il-ġisem tal-Verb ta' Alla, waqt li Alla jsir bniedem biex ilibbes lill-bniedem bil-libsa tal-glorja, tas-salvazzjoni.

**L-Id il-leminija**: dan il-ġest ta' Marija jfisser l-attenzjoni u l-biża' tagħha għal dak li qed tisma'. Joqgħod tajjeb il-kliem tas-Salm 45:

*"Isma', binti, ħares u agħti widen,*
*insa 'l ġensek u 'l dar missierek.*
*Jitgħaxxaq is-sultan bi ġmielek;*
*u int, għax hu sidek, agħtih qima"*.

## L-Ispirtu s-Santu

L-Ispirtu s-Santu huwa mpitter b'raġġ iswed u mhux abjad. Hawn għandna referenza diretta għall-vanġelu ta' Luqa: *"L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek"*. Fl-Iskrittura jidhru f'kontrappożizzjoni d-dell (naturali) tal-Mewt u d-dell ta' Alla, dell li jagħti l-ħajja. Jixraq forsi nistaqsu lilna nfusna: Jien taħt liema dell tinsab ħajti? Taħt id-dell ta' l-ispirtu ta' Alla, jew taħt id-dell tas-siġra tar-riġnu li taħtha Ġona mar jistkenn, dell li jispiċċa u hu mingħajr ħajja?

Fit-Tradizzjoni tal-Knisja nsibu paralleliżmu bejn Eva u Marija. Marija tnissel wara li tisma' l-Kelma ta' Alla; waqt li Eva tnissel il-mewt għaliex ma' tismax il-kelma ta' Alla, u tagħti widen lil dik tal-Qarrieq. Efrem minn Nisibi jikteb: *"Il-mewt daħlet permezz tal-widna ta' Eva, u għalhekk kien hemm bżonn li l-ħajja tidħol permezz tal-widna ta' Marija. Minħabba s-siġra tal-Għeden il-bniedem sar midjun, u għalhekk il-Mulej ġie u ħallas għal dan id-dejn permezz tal-għuda tas-salib"*. Din il-widna rridu nifhmuha fis-sens simboliku: li tisma' jfisser tobdi. Il-konċilju ta' Niċea (AD 325) kien ikkundanna t-teżi ta' ċertu Elianu li kien jgħid li l-Verb daħal (tnissel) f'Marija permezz tal-widna. Tajjeb inżommu l-kliem ta' Eliżabetta: *"Hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej"*.

## Il-Bir

Fin-naħa t'isfel ta' l-ikona jidher impitter bir ċkejken li fis-simboliżmu tiegħu jagħtina messaġġ ieħor. Fil-kulturi antiki, il-bir huwa dak l-element essenzjali għall-ħajja tal-bniedem għaliex fih jilqa' l-ilma li mingħajru l-bniedem ma jgħixx. Tant hu hekk li fil-kultura Ebrajka l-bir spiss huwa mxebbaħ mal-mara li f'ġufha titnissel il-ħajja. F'din l-ikona, mela, għandna riferiment għall-ġuf safi ta' Marija li laqa' fih l-ilma tal-ħajja,

Kristu. Jeħtieġ niftakru fid-diskors ta' Kristu mas-Sammaritana ħdejn il-Bir ta' Ġakobb, fejn Ġesù jistqarr: *"kull min jixrob mill-ilma li nagħtih jien ma jkun qatt bil-għatx. L-ilma li nagħtih jien isir fih għajn tnixxi ilma li jasal sal-ħajja ta' dejjem"*. Ġesù stess huwa mxebbaħ ma' l-ilma tal-ħajja. Minħabba l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, Marija ssir għall-ġeneru uman il-Bir tal-ħajja.

## Konklużjoni

Rajna kif l-ikona ma hix sempliċi oġġett ta' arti, iżda hija fuq kollox għajnuna għal dawk kollha li jieqfu quddiemha jitolbu u jirriflettu fuq il-misteru mpitter. Jidher ċar li l-ikona tat-Tħabbira tal-Mulej, barra li tirrakkonta dak li nsibu fil-Vanġelu ta' Luqa, qed tistedinna biex nieħdu lil Marija bħala mudell għal ħajjitna. Il-bniedem li qed ifittex li jiltaqa' ma' Alla jeħtieġ joqgħod fis-skiet u hemm jisma' lil Alla: hekk imbagħad, permezz tal-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, titnissel fih il-preżenza ta' Alla. Dan iseħħ jekk bħal Ommna Marija nkunu liebsa l-umiltà. Ejjew nifirħu u fl-istess ħin infaħħru lil Alla għaliex permezz ta' Marija Alla ngħaqad mal-bniedem biex jibqa' mal-bniedem. L-Omm Verġni Marija tistedinna nersqu fi ħdanha biex tkun hija li tgħallimna nitkellmu u ngħożżu f'qalbna kelmet il-Mulej.

*(It-tifsira ta' l-ikona hi meħuda mir-rivista "Madonna ta' Pinu" - Jannar-Marzu 2002. L-ikona tinsab fil-faċċata ta' dan is-sussidju.)*

# 6. GĦAJNUNA GĦALL-OMELIJA TAL-ĦDUD TA' L-AVVENT

## L-EWWEL ĦADD TA' L-AVVENT

*Stennija impenjattiva għall-Mulej li rieġa' ġej*

**<u>I QARI:</u> IL-POPLI ĦERQANA U GĦATXANA FL-ISTENNIJA (Is 2,1-5)**

Din is-silta mill-profeta Isaija tagħlaq is-sezzjoni ta' Is 1,2 – 2,5 li hija orakli ta' ġudizzju u kundanna fuq Ġuda u Ġerusalem. Interessanti li l-forma attwali, frott tar-redazzjoni finali tal-ktieb tal-Proto-Isaija (1-39), tindika binja li talterja bejn orakli ta' ġudizzju u orakli ta' salvazzjoni. Il-profeta huwa ħabbâr ta' ġudizzju divin fuq il-poplu tiegħu imma wkoll jara s-salvazzjoni li l-Mulej jipprova jibni. Dan jixhed li l-ktieb ħa r-redazzjoni finali tiegħu wara l-eżilju.

Is-sitwazzjoni politika ta' żmien Isaija kienet waħda ta' tensjoni. Jekk sa issa s-saltna ta' Israel u ta' Ġuda kienet gawdiet l-awtonomija, din intilfet meta s-setgħa tal-Assirja bdiet tinfirex u laħqet lis-Sirja u l-Palestina. Tiglatpilesar III kien diġà ħakem is-saltna ta' Ħamat fis-Sirja u ġagħal lil Damasku u lil Israel iħallsu t-tribut, sinjal li kienu tilfu l-indipendenza tagħhom. Il-profeta jintervjeni u jħabbar il-miġja ta' sultan-messija mir-razza ta' David, li fost l-impenji kellu dak li jagħti raġun u wisa' lid-dritt u lill-ġustizzja.

Iż-żminijiet glorjużi tas-slaten il-kbar bħal David u Salamun kienu għaddew u ntilfu! Fi żmien il-profeta Isaija (8 seklu q.K.), Ġerusalem kienet belt ċkejkna, mhedda minn tant popli aktar setgħana u bil-wisq akbar. Il-ħolm ta' saltna glorjuża kien tar mar-riħ! Għalfejn ikomplu jittamaw? Hemm raġunijiet biżżejjed biex itemmu t-tama tagħhom fil-fedeltà t'Alla lejhom. Għalhekk jiddubitaw mill-wegħdiet tiegħu! Isaija quddiem din is-sitwazzjoni ta' qtigħ ta' qalb jgħin lill-poplu biex jibqa' jittama u jħabbar ġejjieni glorjuż. Jekk il-poplu l-magħżul jerġa' mill-ġdid għall-fedeltà tiegħu lejn Alla u lejn il-liġi tiegħu, il-belt il-qaddisa terġa' tieħu l-ħajja u ssir ċentru ta' pellegrinaġġi fil-fidi. Lejha jitilgħu l-popli kollha biex jiltaqgħu mal-Mulej Ġesù. Bl-għajnejn profetiċi tiegħu, il-profeta jiskopri d-destin ta' din il-belt biex jifhem u jiċċara l-mument preżenti.

Interessanti it-titlu: *"il-ħwejjeġ li ra Isaija..."*. Fil-fatt il-profeta jilmaħ f'dehra folla enormi li kienet tielgħa lejn il-għolja tat-tempju. Din id-dehra tal-profeta hija antiċipazzjoni taż-żminijiet li għad iridu jiġu. Dak li jisma' u jara "għad jiġri fl-aħħar jiem". Il-profeta huwa tabilħaqq il-bniedem li b'għajnejh, b'qalbu u bl-għerf t'Alla jinfed l-istorja u l-ġrajjiet tagħha biex jasal għat-tifsira l-aktar vera u sħiħa ta' kollox. Jara dak li għadu ma seħħx, imma li Alla b'fedeltà sħiħa għad ikompli sat-twettiq biex hekk iqawwi lil min għadu fil-mixja u fin-nisġa tal-ġrajjiet. Il-profeta jħabbar li tassew Alla ser ikun kollox f'kollox u jirbaħ kull reżistenza u tfixkil li l-istorja kienet ippruvat tagħmillu. Il-mixja hija għat-telgħa, jiġifieri titlob impenn. Imma l-verità t'Alla tegħleb kollox, u **"lejha għad jiġru l-ġnus kollha"**. Normalment ix-xmajjar jiġġerrew mill-għoli għall-fond tax-xaqliba. Imma l-attrazzjoni tal-verità t'Alla hija tant qawwija li tiżboq l-istess liġijiet tal-gravità, hekk li x-xmara tal-ġnus timxi 'il fuq, minkejja li hija miexja għat-telgħa.

L-enerġija ta' dawn il-popli hija l-Kelma t'Alla li toħloq fil-bniedem aspirazzjonijiet ġodda, u hekk tqanqal enerġiji ġodda. Mhix kelma faċli għax f'Ġerusalem il-popli sejrin ikunu ġġudikati minnha. Imma l-ġudizzju t'Alla huwa l-verità, u meta l-bnedmin jiltaqgħu mal-verità jħossuhom ħielsa u kapaċi li jkomplu jimpenjaw ruħhom fil-binja ta' dinja ġdida, aħjar minn dik sa issa! Hija kelma li titlob bidliet li jistgħu jġibu għejja u tbatija – biex l-armi jitbiddlu f'sikek tal-moħriet – imma li jwasslu għall-binja ta' strumenti u għodda utli għall-promozzjoni ta' dak kollu li hu sabiħ u dinjituż għall-bniedem.

*"Ejja, dar Ġakobb, ħalli nimxu fid-dawl tal-Mulej".* Il-poplu t'Alla, minkejja li huwa merħla ċkejkna, jara l-wiċċ t'Alla u mdawwal minnu jmexxi ġnus oħra "fid-dawl tal-Mulej". Dan hu l-pjan t'Alla lil hemm minn kull ma jipproġetta l-bniedem. U dan japplika għall-ġnus kollha, għax il-popli kollha jitilgħu biex jiltaqgħu mal-Mulej u mingħandu jkollhom il-ħaqq u jiddawwlu mill-kelma tiegħu. Ikun biss f'dawn l-"aħħar jiem" li l-manifestazzjoni sħiħa tar-regalità universali tal-Mulej tidher bħala epoka definittiva ta' paċi, li ma tixxellef jew tonqos qatt. Ikun hemm belt waħda li tiġbor fiha lil kulħadd: jaqgħu ċ-ċittadinanzi u l-barrieri tad-differenzi kulturali u politiċi biex ikun hemm komunjoni – belt waħda, li fiha jiltaqgħu l-popli kollha.

Il-ġnus li għandhom ġuħ u għatx tal-ġustizzja jsibu t-temma tax-xewqa tagħhom għax jiltaqgħu mat-triq tal-Mulej li twassalhom għall-ġustizzja żgura. Il-ħażen fid-dinja ġej għax il-bniedem ifittex il-ħajja tiegħu akkost ta' kollox u ta' kulħadd. Dawn it-toroq ta' egoiżmu ma jwasslux għall-paċi imma jipprovokaw kunflitti u gwerer. Imma jekk kulħadd jirrikorri għand Alla, allura tassew tinstab triq li twassal għall-binja ta' l-armonija bejn kulħadd. Hekk biss ix-xewqat tal-gwerra/mibegħda/ħażen/rivalità jinbidlu fi tfixxija serja ta' mħabba, komprensjoni u kollaborazzjoni.

*"Huma jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet u l-lanez tagħhom fi mnieġel. Ebda ġens ma jerfa' x-xabla kontra ġens ieħor u s-sengħa tal-gwerra ma jgħallmuhiex iżjed".* Żgur li mhix is-sitwazzjoni attwali. Kemm aħna 'l bogħod minn xena bħal din, f'sitwazzjoni fejn is-setgħanin ta' l-art biex jipproduċu armi aktar qerrieda jżommu ħafna popli neqsin mill-meħtieġ għall-ħajja. Fil-bniedem tal-lum hemm ħafna aspirazzjonijiet ta' paċi imma ftit jidhru sinjali konkreti ta' dan! Ħafna b'għemilhom ibegħdu l-ferħ u joħolqu dwejjaq, diżgrazzji u lutti! L-Avvent jeħtieġ li jwassalna biex Ġesù jiġbidna aktar lejh biex il-passi ta' kull wieħed ikunu passi lejn il-binja ta' dinja aktar ġusta fejn isaltnu l-imħabba u r-rispett reċiproku. Hekk jitħejja l-Avvent tal-Mulej Ġesù, bennej waħdieni tal-vera paċi.

## <u>II QARI:</u> IL-JUM TAL-MIĠJA TAL-MULEJ HU FIL-QRIB (Rum 13, 11-14)

San Pawl ħallielna din l-eżortazzjoni biex jurina l-urġenza li nqumu min-ngħas għax wasal il-jum u l-lejl għadda. Il-Knisja tal-bidu kienet Knisja li kienet tistenna b'mod imminenti l-miġja tal-Mulej Ġesù u t-twaqqif tas-saltna tiegħu. Imma San Pawl waqt li jikteb lir-Rumani jurihom li kien għaraf li din il-miġja kienet għada fil-bogħod, tasal fi tmiem ta' storja twila. Dan il-proġett t'Alla jibda jseħħ bil-bidla tal-qlub tal-bnedmin meta jiskopru lil Alla u jintrabtu miegħu. U hekk il-bniedem jakkwista l-vera ħajja, mdawla u msaħħa mill-Ispirtu s-Santu, u mifdija mill-ħażen. Id-dinja l-ġdida hija diġà inawgurata fil-qalb tal-mifdijin. Il-ħajja tal-fidi hija ħajja ta' formazzjoni u edukazzjoni fit-tfixxija tar-rigal tas-salvazzjoni.

Iż-żmien ta' l-Avvent huwa okkażjoni biex inħeġġu lill-kommunitajiet tagħna sabiex iħallu lilhom infushom jiddawwlu u jitqawwew mir-ritmu ta' din l-eżortazzjoni ta' Pawlu. Aħna wlied il-jum għax il-lejl għadda minn fuqna. Aħna lkoll xhieda tas-sebħ li ġabet ix-xemx tal-ġustizzja. Il-fidwa diġà twettqet fina fit-tama li din tnissel fina u fis-sahra li twassalna għaliha. Għalhekk ejjew ngħixu f'taqbida kontinwa kontra d-dlam li jheddidna. *"Intom għandkom tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesu"* (Rum 6,11).

Fil-bidu ta' dan l-Avvent, il-Knisja tridna nkunu konxji minn din il-ħtieġa li nqumu min-ngħas spiritwali. Ma tridnix nifgaw fil-preokkupazzjonijiet materjali, imma meħtieġa preokkupazzjonijiet aktar validi. Bla dubju l-preokkupazzjonijiet materjali jagħmlu wkoll parti mill-ħajja imma ma nħallux dawn isuquna. Dawn jeħtieġ li jservuna fl-orjentament tal-ħajja, u mhux il-ħajja sservi lilhom u hekk jeħduna fejn iridu!

Nilbsu lil Kristu jfisser nilbsu l-bniedem-Alla, jiġifieri kif kien jaħsibha, kif kien iħobb, kif kien jitkellem! L-Avvent huwa żmien ta' stennija mħeġġa li timpenjana b'mod mill-aktar konkret. Jekk inħobbu bis-serjetà lill-Mulej, nistennewh b'xewqa ħajja. Jekk inħobbu lilna nfusna, nieħdu direzzjoni oħra, u l-ħajja tagħna tibqa' bla frott!

Il-mument li qegħdin ngħixu hu mument mimli b'Alla u bil-grazzja tiegħu – hu *kairos*. Nagħtu valur lill-mixja li diġà mxejna sa issa. Ma narmu xejn għax kollox ġej minn Alla! Inħossu aktar qawwija fina x-xewqa li ngħixu għalih! Diġa ilbisna lil Kristu Ġesù li tana personalità ġdida/direzzjoni ġdida/imħabba ġdida. Agħraf, o Nisrani, dak li int!

**<u>VANĠELU:</u> SAHRA FL-ISTENNIJA TAL-MULEJ LI GĦANDU JERĠA' JIĠI (Mt 24,37-44)**

Din il-parabbola tagħmel parti mid-diskors eskatoloġiku li nsibu f'Mt 24-25. Dan huwa l-aħħar minn ħames diskorsi li fuqhom huwa msawwar il-vanġelu ta' San Mattew u li jinkludu fihom ħafna parabboli. Fil-fatt il-kuntest tas-silta ta' dan il-Ħadd jinkludi l-parabbola tat-tina (Mt 24,32-33), ta' l-għaxar verġni (Mt 25,1-13) u tat-talenti (Mt 25,14-30). Huma parabboli li lkoll jindikaw lill-komunità nisranija l-atteġġjament u l-imġieba korretta fl-istennija tal-miġja mill-ġdid ta' Ġesù Kristu u l-avvent tas-Saltna t'Alla. Din it-tama kienet ħafna ħajja fl-ewwel ġenerazzjoni nisranija, kif jixhdu diversi siltiet mill-ittri ta' San Pawl (1Tess 4,13-18; 5,1-11). Imma l-istennija twalet, bil-konsegwenza li t-tama u l-ħeġġa naqsu. L-istennija titwal bla ma wieħed jaf eżattament meta ser jasal is-sid mistenni. Ħassewhom li ġew ittraduti: u għalhekk il-parabboli f'din is-sezzjoni tal-vanġelu ta' Mattew ifittxu li jirrispondu għal din is-sitwazzjoni.

L-istennija hija dimensjoni kostanti tal-ħajja tan-nisrani. Il-miġja tal-Mulej fl-aħħar ta' l-istorja hija mqabbla ma' żmien Noè meta bla ħadd ma kien jistenna seħħ id-dilluvju - f'mument għall-għarrieda. Mhux għax il-miġja tal-Mulej ser tkun grajja ta' diżastru bħalma kien id-dilluvju, imma sejra tkun għall-għarrieda bħalu. Huwa paragun li għamel Ġesù biex iqanqal atteġġjament personali ġdid fil-konfront tal-miġja tiegħu fl-aħħar ta' l-istorja.

Qegħdin ngħixu era ta' stennija li jeħtieġ li tkun kontinwament imġedda. Is-saltna diġà ġiet imwaqqfa fl-opra ta' Ġesù. Kollox twettaq u aħna ngħixu bit-tama tad-dehra glorjuża tas-saltna fil-jum tat-tieni miġja tiegħu. Quddiem dan il-proġett, kull mistoqsija dwar il-ħin preċiż, jew il-kmieni jew it-tard ta' din il-miġja titlef il-valur tagħha.

Żguri mill-miġja tal-Mulej, li tagħha la nafu l-jum u lanqas is-siegħa, jeħtieg li ngħixu f'sahra kontinwa. Ġesù tana l-kmand: *"Ishru: kunu lesti! Għax ma tafux il-jum li fih jiġi sidkom"*. Il-miġja tiegħu tkun f'ħin imprevedibbli bħalma jagħmel il-ħalliel. Dan jitlob li wieħed mhux joqgħod iħares imma li jimpenja ruħu b'mod sħiħ, mingħajr ma jitlef id-direzzjoni ta' kollox - il-laqgħa aħħarija mal-Mulej Ġesù fit-tmiem ta' l-istorja! Meta jħabbat il-Mulej, in-nisrani jkun lest biex jiftaħlu, ħalli l-Mulej jidħol id-dar u jpoġġi għall-mejda li tkun lesta u mħejjija għalih!

## IT-TIENI ĦADD TA' L-AVVENT

*Inħejju t-triq għall-Mulej li rieġa' ġej*

**<u>I QARI:</u> IR-RIMJA MIZ-ZOKK TA' ĠESSE (Is 11,1-10)**

Is-sultan Aħaż, sovran żgħir imdawwar minn ħafna saltniet qawwija, ifittex li jsalva lill-poplu tiegħu mill-perikli li kienu qegħdin jhedduh b'politika ta' pattijiet imsejsa fuq diplomazija brikkuna u mingħajr ebda skruplu. Isaija jikkundanna l-aġir tiegħu, nieqes mill-onestà, mill-fidi u mit-tama f'Alla. Isaija jdawwar ħarstu profetika lejn il-ġejjieni u jħabbar il-wasla ta' dak li huwa d-dixxendent awtentiku ta' David, is-sultan kollu fedeltà lejn Alla. Dan il-Messija jkun mimli bl-Ispirtu tal-Mulej. Għaldaqstant isawwar il-vera paċi, u mhux trattati mibnija fuq id-diplomazija ta' l-interessi u tal-gwadann. Ġerusalem għad tkun il-belt idejali, imdawla mill-għarfien t'Alla u gwida għall-umanità kollha.

Isaija jħabbar li miz-zokk ta' Ġesse, mill-familja ta' David, tinbet rimja. Fuqu jistrieħ l-Ispirtu tal-Mulej, spirtu ta' għerf u qawwa. Dan huwa Ġesù li fil-miġja tiegħu jidher mogħni b'dawn id-doni kollha ta' l-Ispirtu s-Santu. Hija opra favur il-foqra u l-imsejkna. Hija deskritta minn Isaija b'mod utopiku u kkulurit, u li tiġbed l-għajn. Ma jkunx hemm aktar ostilità u tensjoni imma armonija u paċi. Dan ser iġib il-vera rikonċiljazzjoni m'Alla u l-bnedmin bejniethom. Id-dehra ta' Isaija timliena tassew bit-tama u bil-ferħ. Hija dehra idejali li mhux faċli tattwa ruħha imma lejha jeħtieġ li dejjem nimmiraw.

Ir-rimja ġdida miz-zokk ta' Ġesse tfakkarna fl-invażjoni mit-Tramuntana mill-għadu li mal-passaġġ tiegħu kollox ġie meqrud. Anke l-istess imsaġar ma baqa' xejn minnhom, għajr iz-zkuk tagħhom bħal donnhom bla ħajja. Fid-dawl ta' din il-qerda totali, titrawwem rimja miz-zokk, sinjal ta' ħajja ġdida li terġa' titfaċċa u turi l-fedeltà t'Alla lejn il-wegħdiet tiegħu. Permezz tagħha tkompli d-dinastija ta' David, immarkata b'tant provi u infedeltajiet. Il-profeta joħlom sultan li jkun kollu kemm hu mogħti għas-servizz t'Alla u jwettaq proġetti kollhom għerf u jkollu l-qawwa li jpoġġihom fil-prattika.

Dan sejjer ikun bħal rimja – sinjal li jagħti impressjoni ta' djgħufija imma hemm fiha bidu u possibilità ta' ħajja ġdida. Dan ifisser li s-saltna sejra tkun ħielsa mill-qawwa politika u militari li kellu David. Alla jrid jerġa' jibda mill-ġdid. Dan jidher b'mod ċar fit-Testment il-Ġdid meta Alla juri li jrid jibda mill-ġdid permezz ta' tarbija dgħajfa, mimduda f'maxtura: min qatt ħaseb li Alla kien ser jitlaq b'dan il-mod? Mhux ser ikun aktar don proviżorju ta' l-Ispirtu li jidher bħalma deher fl-imħallfin, imma preżenza permanenti f'dak li Alla ħatar bħala l-messija tiegħu. Jaħdem favur il-ġustizzja u l-fqar, jiftaħ fid-dinja tieqa għat-tama ta' tiġdid sħiħ mingħajr vjolenza, theddid u forza.

Dan huwa ż-żmien ġdid li diġà nbeda – il-profezija toffri dan il-għerf lid-dinja kollha. Il-ġenna hija diġà antiċipata fuq l-art "għax mimlija hi l-art bil-għarfien tal-Mulej". Minn dak il-mument li fih l-umanità kollha tagħraf lil Alla b'mod għal kollox intimu, l-art kollha tbiddel il-wiċċ tagħha.

## <u>II QARI:</u> IL-WEGĦDIET IMWETTQA F'ĠESÙ (Rum 15,4-9)

Pawlu jipproponi lir-Rumani riflessjoni fuq it-tifsira ta' l-istorja tal-poplu l-magħżul. L-istorja ta' Iżrael turi li Alla jsejjaħ l-umanità kollha biex tgħix imsejsa fuq l-imħabba kollha ħniena t'Alla. F'din it-tradizzjoni ta' fidi, l-insara huma mħeġġa jintegraw ruħhom imqawwijin mill-istedina t'Alla, waqt li jilqgħu wieħed lill-ieħor bħalma Alla laqagħhom anke meta dawn kienu jgħixu fid-dnub.

San Pawl jgħidilna li permezz tal-profeti Alla kien għamel ħafna wegħdiet – imma dawn il-wegħdiet kollu jsiru realtà fi Kristu – *"Kristu sar qaddej tal-Lhud ċirkonċiżi minħabba fis-sewwa t'Alla biex iseħħu l-wegħdiet li għamel lill-patrijarki u biex il-pagani wkoll ifaħħru lil Alla minħabba fil-ħniena tiegħu"*.

Hija missjoni li ser tilħaq mhux biss il-poplu l-magħżul imma l-ġnus kollha anke dawk pagani (li mhumiex ulied il-wegħda). Aħna, bħala wlied il-pagani, ġejna milqugħa minn Kristu għall-glorja t'Alla. Kif nistgħu ma nroddux ħajr lil Alla għal dan kollu, waqt li ntennulu: "Jiena nfaħħrek fost il-ġnus u ngħanni t-tifħir ta' ismek"!

Dan l-Avvent iġedded fina l-mod kif inħarsu lejn l-istorja – minkejja dak li jtaqqal, jhedded u jmewwet l-istorja personali, familjari, nazzjonali u internazzjonali fil-mument preżenti, Kristu Ġesù jibqa' t-tama waħdanija li qatt ma tiġi mhedda. B'ħarsitna lejh, l-Avvent inħossuh f'ħajjitna ċerti li nkunu dejjem salvati u ngawdu bħala frott tiegħu l-ferħ, il-paċi, u l-milja ta' l-imħabba. Hekk nikkontribwixxu għall-bidla dejjem aktar pożittiva tad-dinja u tal-ħolqien ta' madwarna.

## <u>VANĠELU:</u> ĠWANNI L-BATTISTA JĦEJJI T-TRIQ GĦALL-MULEJ (Mt 3,1-12)

Dan it-tieni Ħadd ta' l-Avvent huwa kkaratterizzat mill-figura ta' Ġwanni l-Battista. Mattew jippreżentah b'ħafna simboli li jsiru ċari u bis-sens fid-dawl ta' l-Antik Testment. Id-dehra tad-deżert hija ta' importanza kbira għall-poplu ta' Iżrael. Kien fid-deżert fejn l-istorja kollha tal-poplu ta' Israel ġiet immarkata, meta l-poplu taħt it-tmexxija ta' Mosè ħareġ mill-Eġittu u ftit ftit issawwar fil-poplu t'Alla – poplu fidil lejn il-kelma tiegħu, minkejja ħafna dubji u qtigħ ta' qalb.

Mill-istess deżert il-poplu reġa' lura mill-art ta' l-eżilju fil-Babilonja biex jerġa' jibda l-bini u t-tiswir tas-saltna. Id-deżert huwa għalhekk il-post per eċċellenza fejn wieħed jasal mgħobbi bid-dnubiet u bin-nuqqas ta' sigurtà, biex jerġa' jitlaq għal bidu kompletament ġdid. Dan mhuwiex programm uman, sempliċement mibni fuq ir-rieda tajba tal-bniedem, imma t-tħabbira tas-salvazzjoni offruta minn Alla. Hija tassew predikazzjoni profetika dik ta' Ġwanni li toħroġ minn qalb tant ilħna biex tidwi, tinstema' u tħarrek il-qalb ta' ħafna f'Iżrael. Fi Ġwanni, l-aħħar fost il-profeti, tidher l-ogħla profezija għax iħabbar l-intervent definittiv t'Alla. Alla ser isalva lill-bniedem billi jidher fis-sura ta' bniedem!

Timpressjoni l-figura ta' Ġwanni b'ilbiesu u bid-dieta tiegħu. Huwa ikel li bih kienu jmantnu t-tfal, jiġifieri dawk li huma fil-bidu tal-ħajja u għaldaqstant huma dgħajfa. Ġradijiet moqlija kienu tant mixtieqa mit-tfal ta' l-Orjent. Anke l-istess għasel kien jingħata lit-tfal biex jissaħħew. Kien ukoll l-ikel li normalment jittiekel fid-deżert, fejn wieħed ikollu jserraħ rasu fuq il-providenza t'Alla, li tidher f'dan l-ikel li huwa jipprovdi fid-deżert u li jservi ta' ikel sustanzjuż fil-mixja tal-pellegrin. Huwa profeta

mogħni b'missjoni li jħabbar messaġġ urġenti u ta' importanza mhux żgħira: Indmu, għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet.

Din kienet is-sitwazzjoni ta' l-umanità fi żmien Ġwanni l-Battista: iż-żmien twil tad-deżert ta' l-Antik Testment kien għadda – kienet waslet is-siegħa tal-ġdid, is-siegħa tal-Vanġelu. Fil-Battista kollox jitkellem mit-tama ta' possibilità ġdida mogħtija lill-bnedmin biex jiltaqgħu m'Alla u hekk jgħixu f'għaqda sħiħa miegħu.

Il-magħmudija fl-ilma li kien jistieden għaliha Ġwanni kienet imsejsa fuq is-simbolu ta' l-ilma li jnaddaf u joħloq mill-ġdid. Kien ġest li jindika u jfisser l-urġenza tal-konverżjoni tal-qalb. Min jilqa' l-magħmudija ta' Ġwanni kien juri fid-dieher il-ħtieġa li kien iħoss li jiltaqa' m'Alla biex inaddaflu qalbu minn kull ħażen. Huwa twelid li jmiss kull aspett tal-ħajja, hekk li f'kollox nirxuxtaw għal ħajja ġdida.

Ġwanni joffri lil dan iż-żmien ta' l-Avvent l-istedina qawwija tiegħu għall-konverżjoni urġenti u totali tal-ħajja. Hekk tkun ippreparata b'mod effettiv il-miġja tal-Mulej Ġesù.

L-intervent t'Alla hu fil-qrib u Ġwanni jippreżentah bħala ta' qawwa liema bħalha fil-konfront tal-midinbin. Tant li jmorru għandu anke l-Fariżej u s-Sadduċej! Il-profeta seħħlu jaqra l-qalb ta' dawn u quddiem il-verità li wriehom kienu jitolbu l-magħmudija tiegħu. Huma nies li huma suppervi, imkabbrin bihom infushom, sodisfatti biss b'għemilhom, persuni li mhumiex ubbidjenti lejn Alla imma li jfittxu biss is-sodisfazzjon personali tagħhom. Ġwanni huwa ħafna qalil magħhom: *"Ja nisel il-lifgħat, min uriekom x'għandkom tagħmlu biex taħarbu mill-korla li ġejja?"* Mhux biżżejjed li jiġu għand Ġwanni biex jitgħammdu – meħtieġ *"frott xieraq ta' ndiema"*. Il-konverżjoni mhix riti reliġjużi imma bidla profonda ta' dak kollu li hu tal-persuna li tgħaddi minn stat ta' nuqqas ta' ubbidjenza u rabta m'Alla għal stat ta' ubbidjenza sinċiera lejh f'kull ħaġa, sew kbar kif ukoll żgħar.

Jekk aħna marbutin iżżejjed mar-rieda tagħna, ma' l-imħabba lejn dak kollu li hu tiegħi... ħafna drabi dan kollu naħbuh taħt atteġġjamenti li jidhru li huma tajba u ġusti. Xejn m'hu garantit għalina quddiem Alla – Ġwanni kien ċar ħafna fuq dan: *"U taħsbux li tistgħu tgħidu fikom innifiskom, Għandna b'missier lil Abraham"*. Il-ġudizzju kif joħroġ minn fomm Ġwanni huwa wieħed ta' qilla u ta' qawwa. *"Il-mannara diġà tressqet ma' għerq is-siġra, u għalhekk kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet fin-nar"*.

Tassew kelmiet li jitolbu bidla f'ħajjitna! U dan jidher aktar b'qawwa fid-dawl tat-tħabbira li Gwanni jagħmel ta' wieħed akbar minnu! Nafu li Ġesù ma jikkorrispondix eżattament ma' dak li jħabbar il-Battista. Mhux tant huwa mħallef tal-ġustizzja tal-liġi, imma tal-ħniena t'Alla.

Is-salvazzjoni hija ġrajja storika, unika u irrepetibbli. Dan hu li l-Knisja tħeġġiġna biex nagħrfu, u hekk tistedinna għall-bidla fir-ritmu u d-direzzjoni tal-ħajja. B'Alla li sar bniedem is-salvazzjoni tgħammar fl-istorja tagħna l-bnedmin. Hija storja li fiha tgħammar it-Trinità – Ġwanni jħabbar il-wasla ta' dan iż-żmien ġdid. Hija predikazzjoni li għada attwali f'dan iż-żmien ta' l-Avvent b'ħarsitna li qegħda tipprova tifhem id-dimensjoni ta' l-istorja, li hija storja li minkejja kollox tibqa' salvifika u twassal għal-laqgħa definittiva tagħha mal-Mulej Ġesù fl-aħħar taż-żminijiet.

Il-Mulej tana dan iż-żmien kollu ta' l-istorja biex nitħejjew għal dan il-mument. *"Dak li għandu l-għarusa hu l-għarus; imma l-ħabib tal-għarus, li jkun ħdejh u jisimgħu, jifraħ ħafna meta jisma' leħen il-għarus. U dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet. Jinħtieġ jikber hu u niċkien jien."* (Ġw 3,29-30) Li ma jiġrilniex li nkunu barra minn dan iż-żmien u nisimgħu lil Ġesù jgħidilna: *"Lilkom qatt ma kont nafkom! Warrbu minn quddiemi, intom li tagħmlu l-ħażen!"* (Mt 7,23).

Il-predikazzjoni ta' Ġwanni sservi fil-vanġeli sinottiċi bħala introduzzjoni għall-predikazzjoni u l-ministeru ta' Ġesù nnifsu. Ġwanni – skond Mattew – ma jħabbarx biss il-konverżjoni imma wkoll il-ġrajja li tagħmel possibbli din il-konverżjoni: "għax is-saltna tas-smewwiet waslet".

Alla tassew qiegħed jaħdem fid-dinja u għalhekk il-moviment ta' dawk kollha li joqorbu lejn Ġwanni fil-Ġordan mhux ser jisfa' fix-xejn. Ma jistgħux aktar iserrħu rashom fuq ġustizzja marbuta mar-rabta tad-demm. Anke l-Battista jagħraf li l-predikazzjoni tiegħu hija insuffiċjenti: jekk kliemu jqanqal, madankollu ma jkun jiswa' għal xejn jekk ma jiġix ta' warajh li jgħammed bl-Ispirtu s-Santu.

## IT-TIELET ĦADD TA' L-AVVENT

*Nagħrfu s-sinjali u nifirħu bil-Mulej li rieġa' ġej*

**<u>I QARI:</u> ALLA ĠEJ BIEX ISALVAKOM (Is 35,1-6a.10)**

Dan it-tielet Ħadd jistedinna għall-ferħ. Anke l-istess antifona tad-dħul għall-quddiesa ddaħħalna f'dan l-ispirtu: *"Ifirħu dejjem fil-Mulej: nerġa' ngħidilkom, ifirħu. Il-Mulej qorob"* (Fil 4,4-5). Il-Mulej hu fil-qrib u l-Avvent fit-tama tiegħu ma jqarraq b'ħadd. U għalhekk il-Knisja tistedinna biex nifirħu għax tassew ħolqien ġdid qiegħed jintiseġ fil-ħajja ta' kull wieħed minna.

Din is-silta turina kemm Alla jrid dejjem joffrilna l-ferħ. Fil-ħajja jista' jkun hemm ħafna ġrajjiet dolorużi u ta' dwejjaq imma l-proġett t'Alla huwa dejjem li jagħtina l-ferħ akkost ta' kollox. Alla huwa missier ġeneruż li jrid li wliedu jkunu ferħanin! L-istorja tal-bnedmin tħaddan l-istorja ta' dawk il-ħafna emarġinati, imsieken u martri. Lil dawn il-profeta jistedinhom biex jimxu lejn il-Mulej li ġej biex isalvahom. Dawn sejrin iġeddu l-Eżodu tal-poplu Lhudi – mill-jasar ser jgħaddu għall-ħelsien. Anke d-deżert huwa mistieden sabiex jifraħ: *"Ħa jifirħu d-deżert u l-art ħarra…u twarrad l-art xagħrija"*. Id-deżert hu l-aktar post ta' dwejjaq, mingħajr ħajja u ma jikber xejn fih. Imma anke d-deżert hu mistieden għall-ferħ għax ser ikun kollu mibdul. Huwa ferħ frott ta' bidla mill-qiegħ, hekk li anke *"il-mifdijin tal-Mulej jiġu lura, jiġu f'Sijon, jagħjtu bil-ferħ, il-hena jkun dejjem fuq rashom, sehemhom ferħ u hena"*.

Aħna qatt m'aħna konvinti biżżejjed li Alla jridna ferħanin, li jistedinna għall-ferħ u li jagħtina l-mezzi meħtieġa biex naslu għal dan il-ferħ. Dawn huma l-mezzi li jwasslu għat-trasformazzjoni pożittiva ta' l-eżistenza kollha tagħna. Hekk biss il-ħajja tidher fil-milja u fis-sbuħija tagħha. Dan hu l-messaġġ ta' Isaija f'sitwazzjoni u fi żmein li fih l-Assirja kienet qegħda tjassar is-saltna ta' fuq (ta' Israel) u teqred l-art ta' Ġuda. Il-qawwa tal-fidi tidher f'mumenti ta' disperazzjoni bħal dawn, meta kontra kull tama tibqa' tittama u tistenna s-salvazzjoni!

**<u>II QARI:</u> QAWWU QALBKOM GĦAX IL-MULEJ HU FIL-QRIB (Ġak 5, 7-10)**

San Ġakbu jistedinna biex nipperseveraw f'atteġġjament ta' sahra u ta' sabar. Huwa veru li s-salvazzjoni t'Alla dehret f'Ibnu magħmul bniedem, imma l-milja tal-frott għadna rridu niġbruh ġurnata wara l-oħra, fl-impenn kollu sabar u bla waqfien tagħna lkoll. San Ġakbu jqabbel il-misteru tas-salvazzjoni tagħna maċ-ċiklu tan-natura fit-tiġdid bla ma jaqta' tagħha. Huwa proċess li ma jqarraqx bħall-istennija kollha sabar tal-bidwi li thennih meta jasal il-mument tal-ħsad. Dan ifisser li hija meħtieġa storja ta' żmien biex is-saltna t'Alla tilħaq il-milja tagħha fl-istorja u f'kull wieħed minna.

Dan is-sabar jissarraf f'kollaborazzjoni fit-tiswir u l-wasla għall-milja. Dan hu l-ferħ veru ta' min jagħraf sejħa hekk għolja u jwettaqha b'libertà interjuri kbira. Ikunu xi jkunu d-diffikultajiet li tiltaqa' magħhom l-istennija, nafu li mhix ser tisfa' fix-xejn. Jekk għarafna u ħaddanna lil Ġesù bħala s-salvatur tal-qalb tagħna, qalbna m'għandha xejn minn xhiex tibża', lanqas meta din l-istennija ttul u tidher bħala ħela ta' żmien. Għaldaqstant hija valida u f'waqtha t-twissija ta' San Ġakbu: *"Stabru sa ma jasal il-Mulej"*.

**<u>VANĠELU:</u> INTI HUWA DAK LI GĦANDU JIĠI? (Mt 11, 2-11)**

F'din is-silta, Ġesù ma jitkellimx direttament mill-ferħ imma, waqt li jirrispondi għall-mistoqsija ta' Ġwanni l-Battista, iħabbar li dak li ħabbar Isaija twettaq tassew. Ġwanni jħossu mħawwad: fil-predikazzjoni tiegħu kien xandar Ġesù kollu setgħa u qawwa li kellu jqabbad in-nar kullimkien, Messija mħallef, u issa jisma' mill-ħabs fejn kien miżmum li Ġesù ma tantx kien jikkorrispondi għal dak li xandar u ħabbar. Ġesù jidher kollu ħniena, tjubija u jilqa' lil kulħadd. U għalhekk jibgħat jistaqsih: *"Inti huwa dak li għandu jiġi jew nistennew lil ħaddieħor?"*

Ġesù jwieġeb b'referenza għall-profezija ta' Isaija, u jsemmi l-fatti konkreti li kienu qegħdin iseħħu quddiem għajnejn kulħadd. Huma sinjali ċari li juru t-trasformazzjoni tas-sitwazzjoni tal-bniedem li kien qiegħed iġib Ġesù fil-ministeru tiegħu. Ma' dan jiżdied sinjal li mhux ikkunsidrat f'Isaija – "il-Bxara t-Tajba titħabbar lill-fqar". Dan hu l-Vanġelu - messaġġ ta' ferħ – ippriedkat lill-foqra, jiġifieri lil dawk li l-aktar jidhru 'il bogħod mill-ferħ.

Ġesù ma jirrispondix direttament għall-mistoqsija tagħhom imma jagħtihom ix-xhieda ta' tant għemejjel ta' l-għaġeb li kien qiegħed iwettaq u li t-tradizzjoni ta' l-Antik Testment kienet torbot mal-miġja tal-Messija. Jikkwota l-profeta Isaija waqt li jħalli barra "jagħti l-ħelsien lill-ħabsin". Ġwanni kien ħabsi u ma kienx sejjer jiġi meħlus mill-ħabs li kien jinsab fih. Imma s-salvazzjoni li jipproponi Ġesù hija ta' dimensjoni oħra u twassal għall-veru ħelsien - mill-kundanna tad-dnub u mill-konsegwenzi tiegħu. Hija proposta ta' salvazzjoni għal kollox ġdida. Għal Ġwanni l-Battista, Ġesù jħabbar il-beatitudni: *"Henjin dawk li ma jitfixklux minħabba fija"*. Hija beatitudni li tgħodd anke għalina li ħafna drabi aħna inkapaċi li naċċettaw li *"t-toroq t'Alla m'humiex triqatna, il-ħsibijiet tiegħu m'humiex ħsibijietna"*.

Dawn huwa s-sinjali li bihom Ġesù juri li hu tabilħaqq il-Messija, li Alla huwa preżenti fid-dinja u fl-istorja: ħidma t'Alla li ttemm u xxejjen is-sitwazzjoni ta' dwejjaq u ta' diżgrazzja. Il-ħajja ta' Ġesù tqanqal entużjazmu tassew għax huwa kollu ħniena u mogħdrija.

Ġesù jieħu l-okkażjoni biex jagħti x-xhieda tiegħu dwar Ġwanni – sinjal mibgħut minn Alla biex iħejji l-miġja tiegħu u jħejji l-aċċettazzjoni tal-messaġġ ta' Kristu. Huwa l-aħħar imma l-akbar fost il-profeti għax ħejja b'mod immedjat it-triq ta' l-Iben t'Alla inkarnat, tas-Salvatur, tal-veru Messija.

Madankollu Ġesù jżid u jgħid: *"l-iżgħar wieħed fis-saltna tas-smewwiet hu akbar minnu"*. Hija sentenza li turi l-importanza tal-miġja ta' Ġesù. Tindika li frott tal-fidi fih ilkoll insiru akbar minn Ġwanni l-Battista. Hu kien biss iż-żmien tat-tħejjija. Imma aħna ninsabu fiż-żmien tal-milja, żmien li fil-kwalità tiegħu huwa differenti u superjuri minn żmien il-Battista għax huwa ż-żmien tal-ferħ tassew.

Il-mistoqsija ta' Ġwanni l-Battista tistedinna biex inkunu dejjem b'għajnejna miftuħin biex naraw il-ħwejjeġ ta' madwarna b'mod għal kollox ġdid, biex iseħħilna napprezzaw l-azzjoni dejjem ġdida t'Alla fl-istorja. Min hu għalina Ġesù? Għarafna tassew fih is-Salvatur waħdieni mogħti għalina?

## IR-RABA' ĦADD

*Dak li diġá ġie f'sura ta' bniedem huw dak li rieġa' ġej*

**<u>I QARI:</u> IL-VERĠNI TNISSEL (Is 7,10-14)**

Dan ir-raba' Ħadd ta' l-Avvent jintroduċina diġà fil-misteru tat-tifkira tal-Milied. Iż-żmien qorob tant li *"x-xebba ssir omm u jkollha iben u ssemmih Għimmanu-El għax Alla magħna"*.

Biex nifhmu din il-profezija hija meħtieġa informazzjoni fuq il-kwadru storiku li fih ġie mibgħut il-profeta lil Aħaż. Wara s-sena 740 q.K., ir-re ta' Ġuda, Aħaż, fittex li jaħrab it-theddida li nħolqot mill-koalizzjoni ta' l-istati tal-madwar billi jissieħeb mas-sultan ta' l-Assirja. Hekk fetaħ il-bibien għall-ħakma ta' l-Assirja. Il-profeta Isaija jitlob lis-sultan biex jafda biss f'Alla, sid ta' l-istorja u tal-ġrajjiet. Kienet meħtieġa għażla ta' fidi, mogħnija b'għerf prattiku biex hekk iżomm fil-bogħod il-ħakma barranija. Nikkunsidraw l-għejja f'mument simili biex wieħed jibqa' jemmen, f'mument fejn tintlagħab il-politika u l-gwerra, fejn Alla ftit li xejn jiswa. Imma Alla jibqa' dispost li jagħti sinjal lil Aħaż biex jgħinu fil-fidi fqajra tiegħu. Imma Aħaż jirrifjuta u ma jaċċettax il-parir ta' Isaija. Jagħżel li jinħeba taħt pretest reliġjuż: ma jridx jittanta lill-Mulej. Hekk ikun qiegħed jirrifjuta li jħalli lil Alla jmexxih. Ħafna jgħidu li jemmnu f'Alla: imma kemm idaħħlu lil Alla fl-għażliet tal-ħajja ta' kuljum? Ħafna għażliet jitwettqu biss fid-dawl tal-protagoniżmu personali.

Il-profeta jinsisti mar-re Aħaż biex ikollu l-fidi għax il-Mulej jishar fuq id-dar ta' David: Alla huwa aktar qawwi mis-saltniet ta' Damasku u tas-Samarija. Il-qawwa u s-setgħa tagħhom tispiċċa, imma mhux il-belt ta' Ġerusalem għax din tibqa' għal dejjem. Aħaż ma jagħtix widen u ma jemminx u jagħżel li jitlob l-għajnuna lis-sultan ta' l-Assirja għall-prezz li jħallas it-tribut u jagħmel att ta' sottomissjoni (2Slt 16,7-9). Imma Isaija jinsisti: *"Itlob sinjal għalik mingħand il-Mulej Alla tiegħek, f'qiegħ l-art jew fil-għoli tas-smewwiet"*.

Sinjal mhux neċessarjament miraklu, imma fatt ikun li jkun li jagħti konferma ta' verità lil xi affermazzjoni li tkun saret. Aħaż ma jasalx għal dan għax il-fatt li jaċċetta sinjal: ifisser li mhux lest li jippresta l-fidi tiegħu. Jipprova jiġġustifika l-fatt li ma aċċettax bl-iskuża li ma xtaqx ipoġġi lil Alla għall-prova! Imma Isaija mhux daqstant iblah! Minkejja li Alla jħalli lil Aħaż fil-libertà ta' l-għażla u tar-responsabiltà tagħha, jagħtih xorta waħda s-sinjal. Dan huwa t-twelid ta' tarbija, sinjal ta' salvazzjoni. Huwa mogħti isem għoli, Emanwel.

L-interpretazzjoni messjanika hija ħafna eqdem mill-interpretazzjoni tardiva li interpetat il-kelma ***almah*** f'sens ta' verġni. It-tifel li jitwieled lil Aħaż huwa Eżekija, li żgur ma jiġġustifikax għalih l-isem "Alla magħna". Il-politika tiegħu ġabet ħafna aktar diżgrazzji minn missieru u allura bla dubju neskludu li huwa kien is-sinjal mogħti. Meħtieġa interpretazzjoni oħra għall-oraklu profetiku. Is-salvazzjoni mħabbra tmur lil hemm minn iben Aħaż, Eżekija. Ikun il-Messija nnifsu mwieled minn mara – verġni li ġġib l-isem ta' Marija. Għaliha l-anġlu qal: *"inti tnissel u jkollok iben"* (Lq 1,31-33). Is-saltna tiegħu hija bla tmiem – dan hu l-veru Messija li jsalva d-dixxendenza Davidika mill-mistħija u l-għajb li waqgħet fihom. Huwa dak li l-Knisja f'dawn il-ġranet sejra

tifraħ u tilqa' l-miġja mill-ġdid tiegħu fil-liturġija u fil-ħajja, u li minnu tistenna b'ħerqa s-salvazzjoni dejjiema.

Il-profeta għaldaqstant iħabbar li Alla sejjer jibqa' miexi bil-proġett tiegħu ta' salvazzjoni. L-inizjattiva tibqa' f'idejn Alla. Għad jitwieled dak il-werriet li fih jitwettqu l-profeziji marbutin mar-razza ta' David. Dan ikun is-sinjal li Alla huwa magħna. Fl-iben tal-Verġni tinħass u tidher il-preżenza t'Alla bħala s-Salvatur waħdieni. Alla, minflok ma jitlaq il-proġett tiegħu, juri b'mod u manjiera mill-aktar evidenti u sorprendenti l-inizjattiva tiegħu ta' mħabba. Il-profeta jasal biex igħid: Alla nnifsu sejjer jagħti s-sinjal. Jeħtieġ li nkunu konxji li Alla spiss jieħu inizjattivi ta' qawwa, b'effikaċja liema bħalha. Għalina hija konsolazzjoni kbira nkunu nafu li anke jekk ma nitolbuhx, huwa dejjem lest biex jagħtina l-grazzji tiegħu. Alla tagħna huwa Alla li dejjem jaġixxi għas-salvazzjoni tagħna. Huwa Alla li ma jistenniex li aħna niċċaqilqu, għax jiċċaqlaq qabilna hu! *"U hawn qegħda l-imħabba: mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna. Aħna nħobbu għax hu ħabbna l-ewwel."* (1 Ġw 4,10.19)

L-inizjattiva hija dejjem f'idejn Alla. Ma kienx il-bniedem li talbu jew li immaġina li seta' jitwettaq misteru tant straordinarju. Għamlu għas-salvazzjoni tagħna biex iġib il-preżenza tiegħu fostna u l-għaqda sħiħa tagħna miegħu.

Din il-profezija tiċċara u tiftiehem b'mod sħiħ fid-dawl ta' dak li jseħħ fil-għarusa mwegħda bħala mart Ġużeppi. Dan it-tnissil verġinali jixhed ix-xewqa hekk kbira t'Alla li jkun il-Verb t'Alla magħmul bniedem b'mod li jiżgurana mill-għaqda sħiħa u totali m'Alla, bla ħtieġa ta' intermedjarji fostna l-bnedmin.

Dan hu l-pjan t'Alla, proġett infinit ta' mħabba. Dan nifmuh u nilqgħuh fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Il-Milied hu fil-qrib – huwa l-Iben t'Alla mwieled bniedem li tiegħu sejrin infakkru t-twelid. Alla jieħu l-inizjattivi, li għalkemm jistgħu jidhru partikolari u strambi, imma jekk infittxu tassew ir-rieda t'Alla jagħtuna ħafna frott għax iwassluna għall-għaqda m'Alla, għall-paċi, għall-ferħ u għas-salvazzjoni.

**<u>II QARI:</u> IMWIELED FIL-ĠISEM MIR-RAZZA TA' DAVID (Rum 1,1-7)**

San Pawl fil-bidu ta' l-ittra lir-Rumani, komunità li kien għadu ma żarx, jintroduċi lilu nnifsu bħala *"appostlu maħtur għall-Evanġelju t'Alla"*. Dan ifisser li huwa m'huwiex predikatur ta' vanġelu frott tal-ħidma tal-bniedem imma b'mandat minn Alla. San Pawl ibiddel il-forma klassika ta' l-eżordju ta' l-ittra f'test ta' għana dottrinali. Dak li kien indirizz fil-bidu ta' ittra, illum għandna nqisuh u napprezzawh bħala stqarrija prezzjuża tal-fidi ta' l-ewwel Insara u ta' konfront għall-ħajja nisranija tagħna.

Fil-qosor insibu l-element l-aktar essenzjali tal-predikazzjoni tiegħu – il-qalba tal-Vanġelu mxandar minn Pawlu, taħt forma ta' innu f'ġieħ Ġesù Kristu. It-tiġdid tal-ħajja jitwettaq fil-persuna ta' Ġesù, il-Messija, iben David imħabbar mill-iskrittura u mgħolli bħala Iben t'Alla bil-qawwa tal-qawmien. L-istennija ta' Iżrael twassal u tindirizza għalih. Huwa Alla preżenti f'nofsna.

Dan twettaq kollu fl-Għid – meta bil-qawmien mill-imwiet b'qawwa u b'setgħa għamel li jidher dak li kien moħbi taħt id-dgħjufija tal-laħam ta' bniedem. Temmen ifisser li tpoġġi l-pedament ta' ħajtek fih u tgħix għalih. Il-Knisja għalhekk ixxandru u tħabbru

bħala l-Iben t'Alla. Dawk li jilqgħu din l-aħbar jilqgħu don prezzjuż, u jsiru *"il-maħbubin kollha t'Alla... imsejħin biex ikunu qaddisin"* (Rum 1,7).

**<u>VANĠELU:</u> IMĦABBAR LIL ĠUŻEPPI (Mt 1,18-24)**

Kif il-Vanġelu ta' Luqa jibni t-tħejjija għat-twelid ta' Ġesù madwar il-figura ta' Marija, il-Vanġelu ta' Mattew (il-Vanġelu taċ-ċiklu A) jibni kollox madwar il-figura ta' Ġużeppi. Dan id-dixxendent tal-familja ta' David huwa figura perfetta ta' l-istennija nisranija tal-Milied, li issa huwa tant fil-qrib. Il-miġja ta' Ġesù fostna hija stedina biex inkunu mħejjija biex ninstabu ġusti quddiem Alla, jiġifieri ubbidjenti għax-xewqat tiegħu.

Ġesu' hu iben David – Mattew jagħtina prova ta' dan sa mill-bidu tal-Vanġelu tiegħu, billi jagħlaq il-ktieb tan-nisel bil-kelmiet: *"Ġakobb nissel lil Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija, li minnha twieled Ġesù li jsejħulu l-Messija"* (Mt 1,16). Dritt wara l-evanġelista jurina kif din il-paternità davidika, Ġużeppi aċċettaha u laqagħha wara t-tbatija tad-dubju u tal-biża' li għadda minnhom, wara li Marija nstabet li kienet tqila, liema tqala ma kellux x'jaqsam magħha. Marija nisslet b'mod verġinali b'intervent t'Alla nnifsu, li tiegħu Alla biss jaf il-mod u l-kif.

Ġużeppi kien mimli mħabba tenera lejn għarustu Marija. L-imġieba ta' Ġużeppi ma kienet timmerita l-ebda korrezzjoni min-naħa ta' l-anġlu. L-istedina biex ma jibżax tixhed li Ġużeppi kien beżgħan li joffendi lil Alla, billi jżomm għalih waħda mara adultera. Kieku ma kienx għal dan, qatt ma kien jaħbat ma' rasu li jibgħat lil martu u jissepara minn magħha. Kif seta' jżomm din il-prattika tal-ġustizzja miftakra mill-evanġelista Mattew, ġaladarba l-għarusa mwegħda b'martu kienet tinsab fi tqala? Kif seta' jkompli missjoni bħal din li jilqa' l-opra ta' l-Ispirtu s-Santu? Ma kellux forsi jibagħtha bil-moħbi tan-nies ħalli hekk ma jfixkilx il-misteru t'Alla msawwar fi bniedem fil-ġuf ta' Marija, u hekk iħalli lil Alla waħdu jsawwar il-misteru tiegħu? Dan kien skond San Mattew li għadda mill-qalb u mill-moħħ tal-bniedem ġust, hu li kien imdorri jintelaq kompletament f'idejn Alla. Mt 6,33-34:*"Mela fittxu l-ewwel is-saltna u l-ġustizzja tiegħu, u dan kollu jingħatalkom ukoll. Mela toqogħdux tħabblu raskom għal għada, għax il-jum ta' għada jħabbel rasu hu għalih innifsu."*

Quddiem din ix-xewqa ta' mħabba u x-xewqa li jwettaq dak li hu ġust, l-anġlu jirrispetta dak li kien għaddej mill-qalb ta' Ġużeppi, imma fl-istess waqt jurih il-pjan t'Alla li kien bil-wisq akbar mill-pjan tiegħu. L-anġlu jirreferi għal Marija bħala 'l-għarusa tiegħek' u dan iserraħ il-moħħ u l-qalb ta' Ġużeppi. Jeskludi kull dubju mill-qalb ta' Ġużeppi dwar infedeltà jew adulterju min-naħa ta' Marija, waqt li jirrivela li huwa opra t'Alla. Ġużeppi jilqgħu bħala ibnu veru – iħaddan il-missjoni essenzjali ta' missier lil hemm mill-ġenerazzjoni fiżika tat-tarbija u hekk jiġi mogħti d-dritt li jagħti l-isem lit-tarbija. Huwa jwettaq dan u hekk jagħtih identità soċjali u jiġi magħruf bħala veru dixxendent ta' David. Ġużeppi fehem li dan it-tnissil kien tassew misteru u huwa ma kellux jirtira imma jilqa' l-missjoni li kien qiegħed jafdalu Alla. Emmen f'Alla u ta l-approvazzjoni tiegħu għal dak li ġie kkmandat iwettaq! Qalbu setgħet mill-ġdid tħobbha mingħajr ebda dell ta' preġudizzju u bl-affett li kellu qabel lejha. Alla jsolvi t-tbatija ta' Ġużeppi u jmexxih biex jifhem il-misteru li kien qiegħed iseħħ quddiem għajnejh. L-anġlu jispjegalu: dak li kien qiegħed iżommu lura milli jaċċetta lil Marija u t-tqala tagħha għandu jkun il-motiv għalfejn għandu jilqagħha u jaċċettaha b'martu u jkun missier tat-tarbija fil-ġuf. Ma kienet wettqet xejn kontra l-liġi t'Alla, imma hija nisslet lil hemm minn kull liġi naturali. Ġużeppi jwarrab il-biża' li sa issa kien ħakmu u

jifraħ bl-opra ta' l-Ispirtu s-Santu. Kif seta' jaċċetta verità bħal din? Ġużeppi ċertament huwa bniedem ta' fidi – għalih il-fidi u l-ġustizzja jmorru flimkien.

Kollox jitwettaq fis-skiet. Ġużeppi lanqas jitħalla spazju għalih biex iwieġeb u jagħti l-iva tiegħu. Lanqas l-anġlu ma jistenna t-tweġiba minnu! Bħala qalb ta' bniedem ġust turina l-fidi tiegħu. Jitkellmu dawk il-mumenti ta' qabel u ta' wara li dwarhom il-Vanġeli ma jirrakkuntawlna lanqas l-aktar dettal ċkejken. Ġużeppi huwa l-bniedem tal-fatti, il-qaddej kollu ubbidjenti lejn Alla.

Dawn l-aħħar ġranet ta' l-Avvent jippermettulna li niċċelebraw il-fedeltà t'Alla li jwassal sat-tmiem il-pjan etern tiegħu – li tiġi mwaqqfa mill-ġdid is-saltna li t-tieni miġja tiegħu ser twassal għall-perfezzjoni u l-milja. Il-fidi hija għalina l-kundizzjoni li jixraq li niskopruha mill-ġdid biex naslu għat-tifsira vera tar-realtà preżenti (li Alla ħadha fuqu fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni) li qegħdin ngħixu u tar-relazzjonijiet l-aktar prezzjużi ta' bejnietna. Fl-istorja aħna msejħin personalment u flimkien ma' l-oħrajn biex ikollna parti attiva fil-miġja u fl-attwalizzazzjoni tas-saltna t'Alla. Is-sinjal ta' din is-saltna ngħatalna – ix-xebba li tagħti l-ħajja lit-tarbija – sinjal ta' dgħjufija imma sinjal tanġibbli tal-manifestazzjoni żgura tal-qawwa t'Alla, u ta' l-imħabba tiegħu li qatt ma tiġi nieqsa skond il-wegħdiet li huwa għamlilna. Din hija l-aħbar it-tajba li sejrin nilqgħu b'mod ġdid u ħaj f'dan il-Milied li huwa tant fil-qrib.

# 7. VELJA TA' L-IMMAKULATA (7 ta' Diċembru)

## "Marija Immakulata - Żernieq tas-Salvazzjoni"

## I. RIT TAL-BIDU

**1. Animatur:**

Ser nishru flimkien, u nitfgħu ħarsitna fuq il-Verġni Marija Immakulata, għaliex fit-talb aħna nħossu l-preżenza ta' Alla fostna, ta' Dak li sar bniedem bħalna fil-ġuf safi ta' Marija. L-Iben ta' Alla ħa minnha n-natura umana biex jeħles il-bniedem mid-dnub. Alla jrid iqaddisna u jimliena bil-grazzja tiegħu għaliex aħna uliedu.

**2. Kant**

**3. Tislima tal-bidu**

Ċelebrant: Il-grazzja u l-paċi tal-Mulej Ġesù Kristu mwieled mill-Verġni Omm u Immakulata tkun magħkom ilkoll.

Poplu: U miegħek ukoll.

Ċelebrant: Nigglorifikaw lil Alla l-Missier, li għolla lill-Verġni Marija, tempju ħaj tal-glorja t'Alla.

Poplu: Il-glorja tal-Mulej imliet l-art u tgħammar fostna.

Ċelebrant: Nersqu b'fiduċja lejn it-tron tal-grazzja, lejn Marija, Eva l-ġdida u sinjal ta' ħolqien ġdid.

Poplu: Hija l-Imbierka minn kull nisel.

**4. Animatur:**

Il-pjan tas-salvazzjoni mħabbar fil-protovanġelu fejn minn Mara ser jitwieled dak li ser jisħaq ras is-serp, qed jiġri bil-mod il-mod fl-istorja. Marija hija mħabbra fil-figura ta' Eva l-mara li bħala "omm il-ħajjin" hija msejħa Eva l-ġdida. Il-Verġni pprofetizzata hija Marija li nisslet u welldet lill-Iben t'Alla, il-Messija mistenni.

**5. Lettur:**

Lettur: Min hija din li riesqa bħaż-żernieq ta' filgħodu, sabiħa bħal qamar, tiddi bħax-xemx?

Poplu: Deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewba fuq rasha.

Lettur: Int O Marija, inti s-sinjal tal-patt bejn Alla u kull ħlejqa ħajja għall-ġenerazzonijiet kollha.

Poplu: Int li permezz ta' l-IVA tiegħek ġibtilna d-Dawl, għinna sabiex inxerrdu dan id-dawl mad-dinja kollha.

**6. Animatur:**

Fis-silta li ser nisimgħu San Pawl jurina l-pjan ta' Salvazzjoni li Alla għandu għall-bniedem, pjan ċar li ġa seħħ fil-Verġni Marija u li bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu dan il-pjan divin qed jinħadem fina.

**7. Lettur:**

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin** (Ef 1,3-6. 11.12)

Ħuti: Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li mliena b'kull xorta ta' barka spiritwali, fis-smewwiet, fi Kristu.
Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba; iddestinana li nkunu għalih ulied addottivi permezz ta' Ġesù Kristu, skond ma għoġob lir-rieda tiegħu għat-tifħir tal-glorja tiegħu, li biha mliena fil-Maħbub tiegħu.
Fih, aħna wkoll konna magħżula, iddestinati minn qabel, skond il-pjan imfassal minn qabel minn min imexxi kollox skond il-fehma tar-rieda tiegħu, sabiex inkunu għat-tifħir tal-glorja tiegħu, aħna li, sa minn qabel, konna nittamaw fi Kristu.

Il-Kelma tal-Mulej
Inroddu Ħajr lil Alla

**7. Ftit mumenti ta' skiet.**

**8. Animatur:**

Nisimgħu s-silta li permezz tagħha l-Beatu Papa Piju IX, nhar it-8 ta' Diċembru 1854 ipproklama bħala domma ta' fidi li l-Verġni Marija ġiet meħlusa minn kull dnub anke dak tan-nisel.

**9. Lettur:**

**Qari ta' silta mill-Ittra Apostolika "Ineffabilis Deus" tal-Papa Piju IX.**

Għaldaqstant, wara li offrejna bla ma naqtgħu, fl-umiltà u fis-sawm, it-talb privat Tagħna u dak pubbliku tal-Knisja ta' Alla l-Missier, permezz ta' Ibnu, sabiex hu jogħġbu jmexxi lill-moħħ Tagħna bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu; wara li aħna tlabna l-għajnuna tal-Qtajjiet kollha tas-sema, u wara li tlabna bl-ilfiq lill-Ispirtu difensur, bl-ispirazzjoni tiegħu, għall-ġieħ tat-Trinità Qaddisa u mhux mifruda, għas-sbuħija u l-ġmiel tal-Verġni Omm Alla, għall-eżaltazzjoni tal-fidi kattolika, u għat-tkabbir tar-reliġjon nisranija, bl-awtorità tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, tal-qaddisin Appostli Pietru u Pawlu u bl-awtorità Tagħna, **niddikjaraw, inlissnu u niddefinixxu: Id-duttrina, li żżomm li l-Verġni wisq qaddisa Marija mill-ewwel mument tal-Kunċizzjoni tagħha, bi grazza singulari u privileġġ ta' Alla li jista' kollox, li ra minn qabel il-merti ta' Ġesù Kristu,**

**Feddej tal-bnedmin kollha, ġiet ippreservata u mhix mimsusa minn kull tebgħa ta' dnub oriġinali, hi rivelata minn Alla u għaldaqstant hi ta min jemminha bil-qawwa u mingħajr ma jmissha, u dan mill-fidili kollha.** Għaldaqstant, jekk xi ħadd, Alla ħares qatt!, b'rieda proprja jfettillu li jaħseb b'mod ieħor minn dak li Aħna iddefinejna, għandu jagħraf u jkun jaf li hu ikkundannat mill-ġudizzju tiegħu stess, li jkun għamel nawfraġju fil-fidi, li jkun infired mill-għaqda mal-Knisja, u li jkun daħal hu nnifsu, "ipso facto", fil-pwieni stabiliti mil-liġi kontra min jażżarda juri bil-fomm jew bil-kitba, jew b'xi mod ieħor li jidher minn barra, l-iżbalji li hu jaħseb fil-qalb tiegħu…

Ħadd għalhekk ma għandu jażżarda li jmur kontra din id-dikjarazzjoni, proklamazzjoni u definizzjoni Tagħna, jew li jfettillu jiqfilha jew ikun kontriha. U jekk xi ħadd ikolli l-ardir li jipprova jagħmel dan, ħa jkun jaf li jaqa' taħt il-qilla ta' Alla li jista' kollox, u tal-qaddisin Pietru u Pawlu, appostli tiegħu.

Mogħtija f'Ruma, f'San Pietru, fis-sena elf tmien mija u erba' u ħamsin ta' l-Inkarnazzjoni tal-Mulej, fit-8 ta' Di'embru tas-sena 1854, id-disa' sena tal-pontifikat Tagħna.

### 10. Riflessjoni miċ-Ċelebrant

## II. PURĊISSJONI – MIXJA TA' FIDI

### 11. Animatur:

F'Marija Immakulata, il-knisja tara fiha dak li hija tixtieq tkun. Għaliex kif jgħidilna l-Appostlu Missierna San Pawl: "Hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba".

Fil-magħmudija Alla neħħa minn fuqna kull tebgħa tad-dnub u hekk sirna ulied id-Dawl, ulied ta' Alla. Għalkemm aħna fid-dinja aħna ma aħniex tad-dinja, għalhekk il-mixja tagħna f'din l-art hija pellegrinaġġ lejn is-sema. Nieħdu f'idejna id-dawl, li jfakkarna li Kristu huwa d-Dawl tagħna u bħal Marija Immakulata aħna irridu noħorġu rebbieħa fuq id-dnub li jdallam il-ħajja.

Matul din il-mixja simbolika ejjew inħossu l-preżenza tal-Verġni Marija u filwaqt li nitolbuha tgħinna f'din it-taqbida kontra l-ħażen infaħħru lil Alla għaliex magħna ukoll huwa għamel ħwejjeġ kbar.

### 12. Talba

*Qabel il-purċissjoni, mMeta kulħadd jkollu f'idejh il-flambaux, tingħad din it-talba.*

O Verġni Immakulata,
l-ewwel u l-aktar frott ħelu tas-salvazzjoni,
miegħek aħna nammiraw u niċċelebraw il-kobor u l-għeġubijiet
li għamel il-Mulej b'mod speċjali fik.
Inħarsu lejk biex nifhmu u napprezzaw l-opra tal-għaġeb tal-fidwa,
u nammiraw il-ġid infinit li Kristu permezz tad-demm tiegħu ġabilna.
Għinna nħarsu sewwa t-teżor li rċivejna f'jum l-magħmudija tagħna,

għinna biex dan ir-Rigal divin ma' neqirduhx bid-dnub,
u ma niddisprezzawhx bl-indifferenza u bin-nuqqas ta' koerenza.
Omm tas-Sema, żomm ħarstek fuqna
U imxi magħna f'dan il-wied tad-dmugħ,
Aħna uliedek, għinna nsiru nixbħuk fil-virtujiet sbieħ tiegħek.
Agħtina l-kuraġġ li naħdmu bla heda biex aktar nies jersqu lejn Ibnek Ġesù.
Għinna nwasslu lill-oħrajn id-don tal-fidi li rċevejna
u nkunu sinjal u xhiedha ta' Kristu fit-triqat tad-dinja li hija
bil-għatx għall-verità, għall-ferħ u l-paċi.
Amen.

### 13. Purċissjoni

*Tibda l-purċissjoni bil-flambaux li matulha – skond it-tul – isir kant u talb. Skond il-ħtieġa, il-purċissjoni tista' toħroġ mill-knisja u terġa' tidħol, waqt li jkun hemm min imexxi l-kant u jaqra.*

### 14. Kant:

### 15. Lettur: Tota Pulchra

Int kollok sabiħa, Marija
U ma hemm fik l-ebda tebgħa tad-dnub tan-nisel.
Inti l-glorja ta' Ġerusalemm.
Inti l-ferħ ta' Iżrael.
Inti l-ġieħ tal-poplu tagħna.
Inti avukata tal-midinbin.
O Marija!
Verġni kollok għaqal.
Omm kollok ħniena.
Itlob għalina.
Idħol għalina quddiem il-Mulej Ġesù Kristu.

### 16. Animatur:

*Wara li kulħadd ikun sab postu mill-ġdid.*

L-imħabba kbira li San Ġorġ Preca kellu lejn il-Verġni Marija waslitu biex jikteb dan l-innu ta' ġieħ. L-innu huwa mibni fuq il-kantiku tat-tlitt żgħażagħ li nsibu fil-ktieb ta' Danjel. Ejjew mela ninsġu lill-Verġni Immakulata din il-Libsa ta' Ġieħ kif sejjaħlu dan l-innu San Ġorġ Preca.

### 17. Ċelebrant:

Ċelebrant: Alla għażel lil Marija biex tkun Ommu.
Poplu: Alla għażel lil Marija biex tkun Ommu.

Ċelebrant: Dak li hu fuq kulħadd sar l-iben tagħha.
Poplu: Għażel lil Marija.

Ċelebrant: Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.

Poplu: Alla għażel lil Marija biex tkun Ommu.

Ċelebrant: Lil Marija Alla qiegħed
Poplu: Sidt ta' l-opri ta' idejh.

**18. Lettur jew Kantur:**

*Il-kantur ikanta l-kliem u l-Poplu jwieġeb: tkun lilek glorja.*

Sinjura tas-sema tkun lilek glorja.
Sinjura tax-xemx tkun lilek glorja.
Sinjura tal-qamar tkun lilek glorja.
*Sinjura tagħna, kun int għalina.*

Sinjura tal-kwiekeb tkun lilek glorja.
Sinjura tan-nar tkun lilek glorja.
Sinjura tad-dawl tkun lilek glorja.
*Sinjura tagħna, kun int għalina.*

Sinjura ta' l-art tkun lilek glorja.
Sinjura tal-baħar tkun lilek glorja.
Sinjura ta' l-egħjun tkun lilek glorja.
*Sinjura tagħna, kun int għalina.*

Sinjura tal-jum tkun lilek glorja.
Sinjura tal-lejl tkun lilek glorja.
Sinjura taż-żminijiet tkun lilek glorja.
*Sinjura tagħna, kun int għalina.*

Sinjura tal-borra tkun lilek glorja.
Sinjura tal-beraq tkun lilek glorja.
Sinjura tas-sħab tkun lilek glorja.
*Sinjura tagħna, kun int għalina.*

Sinjura tat-tajr tkun lilek glorja.
Sinjura tal-ħut tkun lilek glorja.
Sinjura ta' l-annimali tkun lilek glorja.
*Sinjura tagħna, kun int għalina.*

Sinjura tal-fjuri tkun lilek glorja.
Sinjura tal-frott tkun lilek glorja.
Sinjura tal-siġar tkun lilek glorja.
*Sinjura tagħna, kun int għalina.*

Sinjura tar-riħ tkun lilek glorja.
Sinjura ta' l-abissi tkun lilek glorja.
Sinjura ta' l-ilmijiet tkun lilek glorja.
*Sinjura tagħna, kun int għalina.*

Sinjura tal-qawwija tkun lilek glorja.
Sinjura tal-għorrief tkun lilek glorja.

Sinjura tal-qaddisin tkun lilek glorja.
*Sinjura tagħna, kun int għalina.*

Sinjura tas-slaten tkun lilek glorja.
Sinjura tal-bnedmin tkun lilek glorja.
Sinjura ta’ l-ispirti tkun lilek glorja.
*Sinjura tagħna, kun int għalina.*

Sinjura tal-ħajja tkun lilek glorja.
Sinjura tal-mewt tkun lilek glorja.
Sinjura tal-ħakkiema tkun lilek glorja.
*Sinjura tagħna, kun int għalina.*

Sinjura tad-dinja tkun lilek glorja.
Sinjura ta’ kulma jidher tkun lilek glorja.
Sinjura ta’ l-anġli tkun lilek glorja.
*Sinjura tagħna, tkun lilek glorja għal dejjem ta’ dejjem. Amen.*

**19. Animatur:**

Wieħed mill-akbar għorrief u kittieba tal-Knisja huwa l-Isqof Sant’ Anselmu. Nisimgħu silta mid-diskorsi tiegħu dwar il-Verġni Marija Immakulata. Huwa jurina kif permezz ta’ Marija Alla xeħet fuq il-ħolqien kollu l-barka tiegħu.

**20. Lettur:**

**Qari mid-Diskorsi ta’ l-isqof Sant’ Anselmu.**

Is-sema, il-kwiekeb, l-art u l-baħar, il-jum u l-lejl, dak kollu li hu taħt is-setgħa tal-bniedem jew jiswa għall-ġid tiegħu, kollox juri l-ferħ li bis-saħħa tiegħek, Sidtna Marija, b’xi mod reġa’ ħa l-ħajja mill-ġdid u ngħatatlu grazzja ġdida liema bħalha, u ntraddlu lura wkoll il-grazzja ġdida liema bħala, u ntraddlu lura wkoll il-ġieh li kien tilef. Għax kollox kien qisu mejjet.

Fil-bidu tagħhom il-ħwejjeġ maħluqa kellhom id-dinjita’ li jaqdu lill-bniedem biex permezz tagħhom stess iħaddem sewwa s-setgħa tiegħu, jew biex iservuh għall-ġid tiegħu, u hekk il-bniedem ifaħħar ’l Alla; għalhekk issawru fil-bidu. Iżda mbagħad tilfu din id-dinjità, waqgħu fil-jasar u tneżżgħu minn ġmielhom, għax il-bniedem beda jinqeda ħażin bihom biex iservi l-idoli; ma kienx għalhekk li ssawru fil-bidu. Imma issa jifirħu, għax donnhom ħadu ħajja ġdida u reġgħu kisbu d-dinjita’ li kellhom; għal darb’oħra qegħdin jaqdu lill-bniedem biex iħaddem tajjeb is-setgħa tiegħu, u għandhom il-ġieħ li jservuh fil-ġid, biex hekk il-bniedem ifaħħar ’l Alla.

U jekk qabel lil Alla kienu biss iħossuh bħala s-Sid li jmexxihom mill-għoli tiegħu bla ma jidher, issa dan Alla nnifsu, dak stess li ħalaqhom, deher fosthom jinqeda bihom u jqaddishom. Dan il-ġid kollu xtered bis-saħħa tal-frott imbierek tal-ġuf imbierek ta’ Marija l-Verġni mbierka.

Għax bil-milja tal-grazzja tiegħek, o Marija, dawk li kienu marbuta f’art l-imwiet ħelsu u mtlew bil-ferħ; u dawk li huma fid-dinja qegħdin iġarrbu l-hena tat-tiġdid tagħhom. Għax permezz ta’ Ibnek il-glorjuż, o Verġni glorjuża, il-ġusti kollha, li ħallew id-dinja

qabel ma hu ħa l-mewt biex jagħtina l-ħajja, ferħu għax raw il-ktajjen tal-jasar tagħhom jitqaċċtu, u l-anġli faru bil-hena meta raw il-belt nofsha mġarrfa tagħhom mibnija mill-ġdid.
O mara, mimlija fuq li mimlija bil-grazzja, daqshekk, iva, reġa' ssaħħaħ il-ħolqien kollu meta fuqu xterdet il-grazzja li mliet lilek u faret minnek. O Verġni mbierka fuq li mbierka, il-barka tiegħek hi barka għal kulħadd, għax bik jitbierek mhux biss il-ħolqien mill-Ħallieq, iżda wkoll il-Ħallieq mill-ħolqien!

Alla minn ġo qalbu nissel lil Ibnu l-waħdieni u daqsu, ħabbu bħalma ħabb lilu nnifsu, u tah lil Marija: u minn Marija għamel għalih iben li kien l-istess wieħed, mhux ieħor; b'hekk wieħed hu l-iben naturali tat-tnejn, ta' Alla u ta' Marija. Il-ħolqien kollu ħareġ minn idejn Alla, u Alla twieled minn Marija. Alla ħalaq kollox, u Marija nisslet 'l Alla. Alla għamel kollox, u hu għamel lilu nnifsu minn Marija; u b'hekk ġedded kull ma kien għamel. Dak li bis-setgħa tiegħu għamel il-ħlejjaq kollha mix-xejn, wara li tħassru ma riedx iġeddidhom mingħajr Marija.

Għalhekk Alla hu missier il-ħolqien, Marija omm il-ħolqien il-ġdid. Alla u missier it-tqegħid ta' kollox, Marija omm it-twaqqif mill-ġdid ta' kollox. Alla nissel lil dak li bih sar kollox, Marija willdet lil dak li bih ġie salvat kollox. Alla nissel lil dak li mingħajru ebda ħaġa ma teżisti, Marija willdet lil dak li mingħajru ebda ħaġa ma hi sewwa.

Tassew il-Mulej miegħek, Marija, int li bil-grazzja li tak hu, il-ħlejjaq kollha saru tant midjuna lejk talli reġgħu ngħaqdu miegħu.

**21. Ftit mumenti ta' skiet**

**22. Lettur: Responsorju**

Lettur: Xandru l-kobor tal-Mulej miegħi: * Għax kbira hi t-tjieba tal-Mulej miegħi.
Poplu: Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja. * Għax kbira hi t-tjieba tal-Mulej miegħi.

**23. Kant**

**24. Tislima lil Marija**

Ċelebrant: Marija kienet denja li tilqa' fi ħdanha l-Verb t'Alla, u saret Omm l-Mulej u s-Salvatur tagħna. Għalhekk insellmu u nfaħħru lill-Verġni Immakulata li għamlitna denji li nieħdu sehem fil-grazzja ta' Binha l-għażiż.

Lettur: Ave Maria,
mimlija bil-grazzja,
aktar 'il fuq mis-smewwiet,
aktar glorjuża mill-anġli,
aktar meqjuma minn kull kreatura oħra.

Poplu: Lilek tifħir u glorja.

Lettur: Is-Sliem, O ġenna tagħna!
Kollha fwieħa, ġilju mimli ħlewwa,
warda tfuħ tant li tfejjaq u tagħti s-saħħa

lil min jinsab fil-mewt.

Poplu: Lilek nigglorifikawk.

Lettur: Is-Sliem, tempju mmakulat ta' Alla!
Mibni bil-qdusija,
mimli bil-glorja t'Alla,
miftuħ għal kulħadd,
oasi ta' ħlewwa mistika.

Poplu: Int il-ġieħ ta' l-umanità.

Lettur: Is-Sliem, muntanja t'Alla!
Fejn jira' l-Ħaruf qaddis,
li libes l-miżerji u d-dnubiet tagħna lkoll

Poplu: Int it-tama tagħna.

Lettur: Is-Sliem, teżor ta' deheb pur!
Li fik tinsab l-manna li hu Kristu,
li hu l-ikel tal-vjaġġ tar-ruħ tagħna.

Poplu: Int il-qawwa tagħna.

Lettur: Is-Sliem, l-aktar safja! Verġni Marija!
Li jistħoqqlok kull tifħir u qima,
għajn ta' ilma ġieri,
teżor ta' innoċenza,
splendur tal-qdusija.

Poplu: Lilek inressqu t-talbiet tagħna.

Lettur: Int, O Marija,
mexxina lejn il-port tal-paċi u tas-salvazzjoni,
għall-glorja ta' Kristu,
fejn jgħix u jsaltan
flimkien mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu
għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Poplu: Int il-ferħ tagħna.

## III. ADORAZZJONI EWKARISTIKA

### 25. Animatur:

Il-Verġni Marija hija ż-żernieq tas-Salvazzjoni għaliex hija tatna lil Kristu l-Feddej tagħna. Hija l-Immakulata, mlibbsa bil-grazzja ta' Alla, hija tinsab fil-glorja tas-Sema bir-ruħ u l-ġisem u qed tkun għalina ta' mera ta' dak li għad inkunu fil-glorja tal-Missier. Nantiċipaw l-glorja tas-Sema billi issa nilqgħu l-preżenza ta' Ġesù fostna u bl-

qima kbira nagħtuh l-Adorazzjoni tagħna. B'din l-Adorazzjoni tagħna aħna rridu nfakkru lil xulxin li aħna qed nistennewh jiġi fil-glorja biex flimkien ma' Marija Ommna nagħtuh il-qima u l-Adorazzjoni tagħna għal dejjem.

**26. Kant:**

*Waqt il-kant jiġi espost Ġesù fl-Ewkaristija waqt li kulħadd jgħolli l-Flambaux.*

**27. Animatur:**

Nilqgħu l-kelma ta' Ġesù, ngħożżuha u ngħixuha bħal Marija biex hekk inkunu tassew ħaġa waħda fih.

**28. Vanġelu (Ċelebrant jew Djaknu)**

**Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann Appostlu** (Ġw 15, 1-8)

"Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi. Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott jaqtagħha; u kull waħda li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha, biex tagħmel frott akbar. Intom ġa ndaf minħabba l-kelma li għedtilkom. Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija. Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn. Jekk wieħed ma jibqax fija, jintrema barra bħal fergħa, u jinxef; mbagħad friegħi bħal dawn jiġbruhom u jixtħuhom fin-nar u jinħarqu. Jekk tibqgħu fija u kliemi jibqa' fikom, itolbu kull ma tridu, u jingħatalkom. Din hi l-glorja ta' Missieri, li intom tagħmlu ħafna frott u tkunu dixxipli tiegħi.

Il-Kelma tal-Mulej.
Tifħir lilek Kristu.

**29. Riflessjoni miċ-Ċelebrant**

**30. Mument ta' adorazzjoni fis-skiet**

**31. Kant: Dal Misteru**

**32. Talba**

Ċelebrant: Nitolbu
O Alla, li f'dan is-sagrament tal-għaġeb ħallejtilna t-tifkira tal-Passjoni tiegħek: agħtina, nitolbuk, li nqimu l-misteru tal-Ġisem u d-Demm tiegħek hekk li nħossu fina bla heda dak li rebbħitilna l-fidwa tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

**33. Barka Sagramentali**

**34. Kant jew innu ta' tifħir**

*L-Ewkaristija titqiegħed mill-ġdid fit-tabernaklu.*

## IV. RIT TA' L-GĦELUQ

### 35. Tislima ta' l-aħħar

| | |
|---|---|
| Ċelebrant: | Aħna rikonoxxenti għall-għeġubijiet li Alla wettaq f'Marija Verġni u nxandru dejjem il-kobor tiegħu. |
| Poplu: | Amen. |
| Ċelebrant: | Fuqkom li nġbartu hawn f'din il-lejla Alla jixħet il-ħarsa tiegħu kollha mħabba, u bl-interċessjoni ta' l-Imqaddsa Verġni Marija jagħtikom is-Sliem u l-Paċi tiegħu.<br>Morru, mela, u xandru l-għeġubijiet li Alla wettaq f'Marija u mal-Knisja tiegħu. |
| Poplu: | Inroddu ħajr lil Alla. |

### 36. Kant

*PS Wieħed jista' jużа dan il-materjal u jadatta l-Velja skond il-ħtiġijiet tiegħu. Possibilment isir kant marjan, ħlief waqt l-adorazzjoni ewkaristika u l-barka. Għal dan il-għan jistgħu jkunu utli l-innijiet maħruġa mis-Santwarju ta' Pinu fis-snin li għaddew.*

*Din il-Velja hi ppubblikata f'librett, u wieħed jista' jakkwistaha mis-Santwarju ta' Pinu.*

## 8. NOVENA TAL-MILIED

### "Ħa jsir minni skond kelmtek" (Lq 1,38b)

Linji ġenerali għal Novena b'tema marbuta mal-Pjan Pastorali Djoċesan:

**Impenn**: Xandir tal-Kelma
**Sagrament**: Il-Magħmudija
**Ikona**: It-Tħabbira tat-Twelid ta' Ġesù (Luqa 1,26-38)

**Is-Sibt 15 ta' Diċembru 2007:**

Mt 11, 15

"Ħa jisma' min għandu widnejn"

**Sinjal**: Il-Bibbja / l-Ambone

**Il-Ħadd 16 ta' Diċembru 2007:**

Mt 11,2-11

"Ara, jiena nibgħat qablek il-ħabbâr tiegħi biex iħejji triqtek quddiemek"

**Sinjal**: Il-Katekisti / il-Parrinu-a / il-Ktieb tal-Katekiżmu

**It-Tnejn 17 ta' Diċembru 2007:**

Mt 1,1-17

"Ġakobb nissel lil Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija, li minnha twieled Ġesù li jsejħulu l-Messija"

**Sinjal**: Żejt ikkonsagrat / id-Don u s-Siġill

**It-Tlieta 18 ta' Diċembru 2007:**

Mt 1,18-25

"Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tiegħu għandek lil Marija b'martek"

**Sinjal**: Familja / Ċrieket tat-Tieġ / Ġenituri

**L-Erbgħa 19 ta' Diċembru 2007:**

Luqa 1,5-25

"Huwa jreġġa' lil ħafna minn ulied Iżrael lejn il-Mulej Alla tagħhom"

**Sinjal**: Xemgħa / Blandun / Fidi

**Il-Ħamis 20 ta' Diċembru 2007:**

Luqa 1: 26-38

"Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej"

**Sinjal**: Tarbija / il-Ħajja

**Il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru 2007:**

Luqa 1: 39-45

"Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek"

**Sinjal**: Fardal / Stola / Il-Qadi

**Is-Sibt 22 ta' Diċembru 2007:**

Luqa 1: 46-50

"L-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla"

**Sinjal**: Ilma / Fonti / il-Grazzja

Il-**Ħadd 23 ta' Diċembru 2007:**

Mt 1: 18-24

"Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh Għimmanu-El".

**Sinjal**: L-Ewkaristija f'Jum il-Mulej

## 9. NOVENA TAL-MILIED GĦAT-TFAL

### Tema: *Santa Claus ġie jagħmlilna "priedka"*

*It-tema tiżvolġi ruħha madwar żjara ta' Santa Claus lit-tfal li jibda joħroġ "ir-rigali" mill-ħorġa tiegħu u jispjega t-tifsira tagħhom. Waqt l-ispjega tas-suppetti tan-Novena tajjeb li wieħed, fejn jista', jagħmel riferimenti għall-Kelma t'Alla, biex in-Novena tkun torbot mal-Pjan Pastorali Djoċesan. Hekk il-"priedka" tan-novena ssir "il-Kelma t'Alla mfissra": permezz tal-figura ta' Santa Claus aħna nwasslu l-messaġġ tal-Kelma lit-tfal. Ir-rigal il-kbir għalhekk hu Kristu, li hu l-Kelma ta' Alla inkarnata. Tkun idea tajba li min jagħmel in-novena jkollu "xkora" li minnha kull darba joħroġ l-"oġġett" ta' l-omelija tal-ġurnata.*

**<u>L-Ewwel Jum: 15 ta' Diċembru</u>**

**Suġġett**: Is-Siġra tal-Milied



**Tifsira**: Il-weraq tas-siġra tal-Milied jibqa' aħdar is-sena kollha u jfisser li aħna dejjem nixtiequ lil Ġesù bħala l-ħabib tagħna. Il-ponot tas-siġra jħarsu 'l fuq lejn Alla l-Missier.

**<u>It-Tieni Jum: 16 ta' Diċembru</u>**

**Suġġett**: Il-Kewkba



**Tifsira**: Il-kewkba tfakkarna li Alla għamel wegħda li ser jibgħat is-Salvatur li huwa Ġesù.

**<u>It-Tielet Jum: 17 ta' Diċembru</u>**

**Suġġett**: Ix-Xemgħa / Il-Blandun



**Tifsira**: Ix-xemgħa qiegħdha flok Ġesù. Ġesù huwa d-dawl għal ħajjitna. Jekk aħna ngħixu ta' veru ħbieb ta' Ġesù aħna nimxu fit-triq it-tajba.

**<u>Ir-Raba' Jum: 18 ta' Diċembru</u>**

**Suġġett**: Ir-*Wreath* (il-Kuruna/Girlanda ta' l-Avvent)



**Tifsira**: Din turi li l-imħabba ta' Alla għalina hija bħal ċirku, jiġifieri tibqa' għal dejjem u ma tispicca qatt.

Għal tagħrif bil-Malti dwar il-kuruna ta' l-Avventi, fittex:
http://www.cakmalta.org/jumilmulej/Avvent%20C/1avvC/zmien.htm

## Il-Ħames Jum: 19 ta' Diċembru



**Suġġett**: Santa Claus

**Tifsira**: Santa Claus juri li aħna għandna nkunu qalbna tajba ma xulxin u naqsmu dak li għandna ma l-oħrajn matul ix-xahar ta' Diċembru u matul is-sena kollha.

*Tradizzjonalment Santa Claus hu marbut mal-figura ta' San Nikola – għalhekk l-isem "Santa Claus". San Nikola, Isqof ta' Myra (illum it-Turkija), kien isqof tar-raba' seklu w.K., u kien magħruf għall-imħabba u l-ġenerożita' tiegħu lejn it-tfal u dawk kollha fil-bżonn. Il-fdalijiet tiegħu llum jinsabu fl-Italja, fil-belt ta' Bari. (Għal aktar dettalji, biżżejjed wieħed iqalleb ftit fuq l-internet - http://www.newadvent.org/cathen/11063b.htm). Il-figura ta' u l-isem "Father Christmas" – u l-kummerċ tal-jiem tal-Milied! – huma posterjuri.*

## Is-Sitt Jum: 20 ta' Diċembru



**Suġġett**: Il-*Holly* (L-Elċi)

**Tifsira**: Il-*holly* tfisser il-ħajja ta' dejjem. Ix-xewka fil-weraq tfakkarna fil-kuruna tax-xewk ta' Ġesù u l-*hollies* ħomor ifakkruna fid-demm li ħareġ minn ras Ġesù meta libbsuh il-kuruna tax-xewk.

## Is-Seba' Jum: 21 ta' Diċembru



**Suġġett**: Ir-Rigal imgeżwer

**Tifsira**: Dan ifakkarna li Alla ta rigal kbir lid-dinja meta tana lil Ibnu Ġesù. Il-maġi kienu ferħanin ħafna biex jagħtu r-rigali tagħhom (deheb, inċens u mirra) lil Ġesù. Hekk għandna nagħmlu aħna wkoll; meta nagħtu rigal nagħtuh biex inferrħu lil xi ħadd.

## It-Tmin Jum: 22 ta' Diċembru



**Suġġett**: Il-Bastun tal-Ħelu

**Tifsira**: Dan jfakkarna fil-bastun tar-rgħajja li bih kienu jiġbru lura n--nagħaġ tagħhom. Aħna wkoll irridu nħajru lill-ħbieb tagħna biex jerġgħu lura għand Ġesù, li huwa r-ragħaj tagħna.

## Id-Disa' Jum: 23 ta' Diċembru



**Suġġett**: Il-Qanpiena

**Tifsira**: Il-ħoss tal-qanpiena mill-kampnari tal-knejjes jistedinna mmorru nqattgħu ftit ħin fit-talb mal-ħabib tagħna Ġesù.

## 10. PROPOSTI PASTORALI GĦAL MATUL IŻ-ŻMIEN TA' L-AVVENT

Dan iż-żmien ta' l-Avvent hu żmien opportun fejn wieħed jista' jgħin lill-komunità (parrokkjali) tħejji ruħha spiritwalment kemm għat-tifkira tat-twelid ta' Ġesù kif ukoll għat-tieni migja tiegħu.

Għalhekk tkun ħaġa xierqa li npoġġu fil-qlub tal-komunitajiet tagħna s-sens ta' sahra u stennija tal-Mulej li ġej. Dawn huma xi suġġerimenti:

1. **IL-LITURĠIJA TAS-SIGĦAT:**

Nisfruttaw l-Liturġija tas-Sigħat: It-talba ta' Sbiħ il-Jum jew l-Għasar.

2. **L-OMELIJA:**

Billi l-Kelma t'Alla fi żmien l-Avvent hi qawwija, tkun ħaġa xierqa li waqt il-quddies ta' matul il-ġimgħa ssir omelija qasira fuq il-qari tal-jum.

3. **IL-KURUNA TA' L-AVVENT:**

Tajjeb li kemm fil-Knisja kif ukoll fil-familji ndaħħlu l-kuruna ta' l-Avvent.

4. **IL-VANĠELU TAL-ĠURNATA:**

Inħeġġu lill-fidili sabiex fil-familja jaqraw il-Vanġelu tal-jum minn fuq il-messalini ta' l-Avvent.

5. **IL-FESTA TA' L-IMMAKULATA:**

Nivvalorizzaw il-festa ta' l-Immakulata għaliex Marija hija tassew l-ikona ta' l-Avvent. Tkun ħaġa xierqa li niċċelebraw il-velja ta' l-Immakulata f'dan il-kuntest ta' sahra u stennija.

6. **ITTRA TA' STEDINA GĦAN-NOVENA:**

Tkun ħaġa flokha li ssir stedina partikulari b'forma ta' ittra miktuba mill-kappillan fejn – waqt quddiesa speċjali – il-kappillan jibgħat grupp ta' nies biex iwasslu din l-ittra personali lil kull familja sabiex il-membri kollha tal-komunità parrokkjali jattendu għan-novena tat-tħejjija għall-festa tal-Milied, speċjalment dawk in-nies l-aktar imbegħda mill-Knisja.

7. **TIŻJIN TAL-KNISJA:**

Is-*setting* tal-Knisja fl-ewwel parti ta' l-Avvent għandha tkun sempliċi kemm jista jkun. Imbagħad mill-15 ta' Diċembru 'il quddiem (meta tibda n-Novena) isir it-tiżjin bi tħejjija għall-festa tal-Milied.

## 8. IL-PROKLAMAZZJONI TA' WARA L-KONSAGRAZZJONI:

Il-proklamazzjoni wara l-konsagrazzjoni fi żmien l-Avvent u l-Milied għandha tkun: "Inħabbru l-mewt tiegħek… **nistennewk sa ma tiġi fil-glorja**".

## 9. IL-KANT:

Il-Kant fi żmien l-Avvent fl-ewwel parti għandu jkun kant li għandu x'jaqsam ma' l-istennija u s-sahra, jew marbut mal-Kelma t'Alla. Mill-15 ta' Dicembru 'il quddiem wieħed jista' mbagħad – iktar ma' joqrob il-Milied – ikanta xi *carols* tal-Milied.

## 10. IL-FJURI:

Fjuri fuq l-altar sat-tielet Ħadd ta' l-Avvent m'hux posthom; wieħed jista' jżejjen biss bil-weraq aħdar.

## 11. ĊELEBRAZZJONI PENITENZJALI:

Tkun ħaġa f'postha li wieħed jagħmel ċelebrazzjoni penitenzjali fi żmien l-Avvent bi tħejjija għall-Milied.

## 12. INNIJIET MARJANI:

Billi żmien l-Avvent hu żmien Marjan tkun ħaġa flokha li wieħed jiċċelebra l-innu antik *Akathistos*, u l-*Angelus,* u fi żmien in-Novena l-*Alma Redemptoris Mater*.

## WERREJ


1. Tħabbira ta’ l-Avvent – Ċelebrazzjoni fil-bidu ta’ l-Avvent Imqaddes (Dun Nazju Borg) ... 2

2. Marija xbiha ta' l-Avvent u tal-Magħmudija (Dun Nazju Borg) ... 3

3. Il-Qari tal-Ħdud ta' l-Avvent - Sena A ... 10

4. Lectio Divina ta’ l-Ewwel Qari tal-Ħdud ta’ l-Avvent – Sena A (Seminarju Maġġuri) ... 11

5. L-Ikona tat-Tħabbira – Tifsira ta’ l-Ikona tat-Tħabbira tal-Mulej (Dun Gerard Buhagiar) ... 20

6. Għajnuna għall-Omelija tal-Ħdud ta' l-Avvent (Dun Joseph Sultana) ... 23

7. Velja ta’ l-Immakulata – “Marija Immakulata - Żerniq tas-Salvazzjoni” (Dun Gerard Buhagiar) ... 38

8. Novena tal-Milied – “Ħa jsir minni skond kelmtek” (Lq 1,38b) (Mons. Karm Refalo) ... 48

9. Novena tal-Milied għat-Tfal – “Santa Claus ġie jagħmlilna *priedka*” (Dun Nazju Borg) ... 50

10. Proposti pastorali għal matul iż-żmien ta' l-Avvent (Dun Nazju Borg) ... 52